C/2026/4270

7.8.2026

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ TAL-KONTROLLUR TAL-GARANZIJI PROĊEDURALI GĦALL-2025

(C/2026/4270)

Daħla

Dan huwa r-raba' rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħi bħala l-Kontrollur tal-garanziji proċedurali. Ir-Regolament dwar l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jinkarigani bit-trattament tal-ilmenti mill-persuni kkonċernati. L-ilmenti jikkonċernaw il-konformità tal-OLAF mal-garanziji proċedurali u l-ksur allegat tar-regoli applikabbli għall-investigazzjonijiet tal-OLAF. Dan jinkludi l-ksur potenzjali tar-rekwiżiti proċedurali u tad-drittijiet fundamentali.

Qabel ma nħolqot il-funzjoni ta' Kontrollur, il-persuni li kienu qed jiġu investigati mill-OLAF ma setgħux jilmentaw ma' korp jew awtorità indipendenti dwar it-trattament tal-investigazzjoni mill-OLAF. L-unika għażla tagħhom kienuet li jressqu lment quddiem l-Ombudsman Ewropew għal amministrazzjoni ħażina jew li jippruvaw jiskattaw ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni taħt kundizzjonijiet stretti ħafna.

Sabiex dan in-nuqqas jiġi rrimedjat, l-emendi tar-Regolament tal-2020 dwar l-OLAF ħolqu mekkaniżmu xieraq tal-ilmenti, li ppermetta li kull persuna kkonċernata tressaq ilment quddiem il-Kontrollur.

Permezz ta' dan ir-rimedju amministrattiv indipendenti, il-Kontrollur qed taġġusta gradwalment iżda b'mod kostanti l-prinċipji ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tallinjahom mal-prinċipji ta' protezzjoni amministrattiva effettiva. Il-Kontrollur dejjem tqis id-drittijiet fundamentali li jirriżultaw mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-garanziji proċedurali speċifiċi li jirregolaw l-attivitajiet tal-OLAF u l-prinċipji legali ġenerali u l-ġurisprudenza tal-Qrati tal-UE applikabbli għall-investigazzjonijiet tal-OLAF.

Għall-Kontrollur, huwa importanti li l-mekkaniżmu tal-ilmenti mhux biss ikun rimedju effettiv għall-persuni kkonċernati, iżda jżid ukoll it-trasparenza ġenerali tal-attivitajiet tal-OLAF. Korp effiċjenti u effettiv kontra l-frodi li kapaċi jissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-UE huwa "essenzjali" għall-UE u għall-kontribwenti. Madankollu, daqstant ieħor huwa importanti li l-investigazzjonijiet tal-OLAF dwar frodi possibbli jitwettqu f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u mal-garanziji proċedurali.

Minkejja dan, biex nifhmu aħjar ir-rwol tal-Kontrollur u l-limitazzjonijiet tiegħu, huwa importanti li nżommu f'moħħna li l-Kontrollur ma jaġixxix bħala mħallef li jivvaluta l-legalità tad-deċiżjonijiet u l-atti tal-OLAF. Pjuttost, il-missjoni tal-Kontrollur hija li jsib u jipproponi soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet imqajma mill-ilmentaturi. Billi jipproponi soluzzjonijiet u, fl-aħħar mill-aħħar, jagħmel rakkomandazzjonijiet lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF, il-Kontrollur ifittex ukoll li jsolvi l-kwistjonijiet involuti u, b'mod li jħares 'il quddiem, itejjeb il-prattiki amministrattivi u investigattivi tal-OLAF.

Dan ir-rapport isegwi l-istruttura tar-rapporti annwali tal-attività preċedenti tal-Kontrollur. Jibda b'ħarsa ġenerali lejn il-missjoni u l-mandat tal-Kontrollur u l-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-ilmenti. Imbagħad jippreżenta l-istatistika u ċ-ċifri ewlenin dwar l-ilmenti ttrattati fl-2025. Ir-rapport jeżamina wkoll l-aspetti proċedurali tal-indirizzar tal-ilmenti, filwaqt li jenfasizza l-proposta għal soluzzjoni maħruġa mill-Kontrollur matul is-sena li sussegwentement ġiet implimentata bis-sħiħ mill-OLAF. Jistabbilixxi wkoll is-sejbiet ewlenin tal-Kontrollur dwar kwistjonijiet sostantivi ewlenin, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża tal-persuni kkonċernati, l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità fl-ispezzjonijiet u fl-operazzjonijiet forensiċi diġitali, u l-lingwi li jistgħu jintużaw fl-investigazzjonijiet tal-OLAF.

Barra minn hekk, ir-rapport jinkludi taqsimiet speċifiċi dwar l-aktar żviluppi importanti li seħħew matul is-sena, inklużi: (i) l-adozzjoni tal-Arranġamenti ta' Ħidma bejn il-Kontrollur u l-OLAF; (ii) il-konsultazzjoni tal-Kontrollur dwar l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni u l-impatt tar-Regolament dwar l-OLAF; u (iii) l-implimentazzjoni mill-OLAF tar-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kontrollur dwar l-Istruzzjonijiet mill-OLAF lill-Persunal dwar Proċeduri Investigattivi ("il-GIPs"). Ir-rapport jikkonkludi b'kummenti dwar l-involviment tal-Kontrollur mal-partijiet ikkonċernati matul is-sena u jirrikonoxxi l-appoġġ amministrattiv u legali pprovdut mis-Segretarjat, li għalih il-Kontrollur hija tassew grata.

Il-mekkaniżmu tal-ilmenti diġà sar salvagwardja essenzjali għall-persuni kkonċernati, filwaqt li jiżgura li l-attivitajiet tal-OLAF jikkonformaw mal-garanziji proċedurali u mar-regoli rilevanti dwar l-investigazzjonijiet. Lil hinn mis-soluzzjoni ta' lmenti individwali, id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kontrollur għenu fit-tfassil tal-prattika investigattiva tal-OLAF billi ċċaraw l-ambitu u l-applikazzjoni prattika ta' dawk il-garanziji proċedurali. F'diversi każijiet, ir-raġunament legali żviluppat fid-deċiżjonijiet dwar l-ilmenti informa r-reviżjonijiet tal-GIPs tal-OLAF, u b'hekk estenda l-impatt tal-każijiet individwali lil hinn mill-kuntest fattwali immedjat tagħhom

Nittama li dan ir-rapport jgħin biex titqajjem kuxjenza dwar it-tip ta' kwistjonijiet li jinsabu fil-qalba tal-ilmenti li jsiru mill-persuni kkonċernati, filwaqt li fl-istess ħin iżid l-akkontabilità tal-OLAF u l-fiduċja tan-nies fis-sistema li ġiet stabbilita mill-UE biex tindirizza l-frodi.

Prof. Dr Julia LAFFRANQUE
Il-Kontrollur tal-garanziji proċedurali

Werrej

Paġna

Daħla 1

1. Il-missjoni u l-mandat tal-Kontrollur 4

2. Il-mekkaniżmu tal-ilmenti 5

3. Ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti li tressqu fl-2025 5

4. Aspetti proċedurali: Il-passi tat-trattament effetttiv tal-ilmenti 8

4.1 Ammissibbiltà 9

4.1.1 Il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' xahar għat-tressiq ta' lment 10

4.1.2. Ilmenti li jaqgħu barra mill-mandat tal-Kontrollur 11

4.1.3 Każijiet pendenti fi proċedimenti legali 11

4.1.4 Waqfien tal-korrispondenza dwar l-ilmenti ripetittivi 12

4.2 Proċedura kontradittorja 12

4.3 Stedina biex jiġi solvut l-ilment 13

4.4 Deċiżjonijiet tal-għeluq 13

5. Aspetti sostantivi: Ħarsa ġenerali lejn is-sejbiet ewlenin tal-Kontrollur 14

5.1. Dritt għad-difiża 14

5.1.1. Id-dritt li persuna tkun infurmata 14

5.1.2. Id-dritt li persuna tingħata għajnuna minn persuna tal-għażla tagħha 15

5.1.3. Opportunità li persuna tikkummenta dwar il-fatti stabbiliti mill-OLAF 16

5.1.4. Aċċess għall-fajl u għad-dokumenti msemmija fid-dikjarazzjoni tal-fatti 18

5.2. Proporzjonalità tal-ispezzjonijiet tal-bini u operazzjonijiet forensiċi diġitali 19

5.3. Lingwi użati 21

6. Adozzjoni tal-Arranġamenti ta' Ħidma bejn il-Kontrollur u l-OLAF 21

7. Konsultazzjoni dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament dwar l-OLAF 22

8. Segwitu għall-adozzjoni tal-GIPs il-ġodda 24

9. Relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati 27

10. Appoġġ amministrattiv u legali 27

11. Kif tikkuntattja lill-Kontrollur u tressaq ilment 28

Anness.
Referenzi 29

Qafas ġuridiku 29

Rapporti tal-attività annwali u opinjonijiet 29

1. **Il-missjoni u l-mandat tal-Kontrollur**

Il-Kontrollur tal-garanziji proċedurali huwa kariga li nħolqot mir-Regolament 2020/2023 (UE, Euratom) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) (ir-"Regolament dwar l-OLAF") biex tipproteġi l-garanziji proċedurali u d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati ([3]) fl-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi ("OLAF"). **Dr Julia Laffranque** inħatret bħala l-ewwel Kontrollur fit-3 ta' Mejju 2022 ([4]), b'mandat ta' 5 snin li ma jiġġeddidx. Hija assistita mis-Segretarjat tal-Kumitat ta' Sorveljanza (is-"Segretarjat").

F'konformità mal-Artikolu 9a(8) tar-Regolament dwar l-OLAF, il-Kontrollur:

"***għandu jissorvelja l-konformità tal-Uffiċċju ma' garanziji proċedurali msemmija fl-Artikolu 9, kif ukoll mar-regoli applikabbli għall-investigazzjonijiet mill-Uffiċċju. Il-Kontrollur għandu jkun responsabbli mit-trattament tal-ilmenti msemmija fl-Artikolu 9b.***"

Il-Kontrollur twettaq il-kompiti tagħha b'**indipendenza sħiħa** u ma tieħu struzzjonijiet mingħand ħadd fil-qadi ta' dmirijietha ([5]). Peress li l-persuni kkonċernati ma jistgħux, fil-prinċipju, jitolbu rikors ġudizzjarju kontra l-atti jew l-ommissjonijiet tal-OLAF matul investigazzjoni, il-possibbiltà li jressqu lment quddiem il-Kontrollur għandha importanza kbira. Ilmentatur jista' jirrikorri għand il-Kontrollur, fl-iskadenzi stretti stabbiliti fl-Artikolu 9b tar-Regolament dwar l-OLAF, biex jitlob valutazzjoni indipendenti u bir-reqqa tal-ilment tiegħu.

Meta tittratta lmenti mressqa minn **persuni kkonċernati** rigward **il-konformità** tal-OLAF **mal-garanziji proċedurali u mar-regoli applikabbli għall-investigazzjonijiet**, il-Kontrollur ma tfittixx li tieħu post l-OLAF fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kif twettaq investigazzjoni jew kif tiġi vvalutata l-evidenza, jew dwar liema konklużjonijiet għandhom jintlaħqu. Minflok, ir-rwol tagħha huwa li **tipprovdi riassigurazzjoni** li l-OLAF aġixxa f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-qafas legali tiegħu (jekk issib li ma seħħ l-ebda ksur) u li tistieden lill-OLAF jieħu azzjoni biex isolvi lment permezz ta' **proposta għal soluzzjoni** kull meta ssib ksur tal-garanziji proċedurali jew tar-regoli applikabbli għall-investigazzjonijiet. Jekk il-Kontrollur ma ssibx li l-azzjoni meħuda mill-OLAF tkun sodisfaċenti, bħala t-tieni pass, hija tagħmel **rakkomandazzjoni** lill-OLAF dwar kif għandu jiġi solvut l-ilment.

Il-Kontrollur tivvaluta l-ilmenti fi **proċedura kontradittorja** u tagħti attenzjoni partikolari lill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") ([6]), lill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE u lill-ġurisprudenza rilevanti tal-Qrati tal-UE ([7]). Madankollu, hija ma tinterferix u ma tistax tinterferixxi fit-twettiq ta' investigazzjoni tal-OLAF ([8]).

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2223 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-effettività tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 49, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2223/oj).

([2]) Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

([3]) Skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament dwar l-OLAF, persuna kkonċernata hija "*kwalunkwe persuna jew operatur ekonomiku ssuspettat li wettaq frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li għalhekk hija soġġetta għal investigazzjoni mill-Unjoni*". L-ilmenti ppreżentati minn persuni li ma humiex persuni kkonċernati, inklużi xhieda u kollaboraturi, jaqgħu barra mill-mandat tal-Kontrollur.

([4]) Il-Kontrollur ħadet il-kariga tagħha f'Settembru 2022.

([5]) L-Artikolu 9a(6) tar-Regolament dwar l-OLAF.

([6]) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391).

([7]) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("QĠUE") hija magħmula minn żewġ qrati: il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.

([8]) L-Artikolu 9b(6) tar-Regolament dwar l-OLAF.

L-2025 kienet kemm sena ta' sfida kif ukoll sena produttiva minħabba l-kumplessità tal-kwistjonijiet legali mqajma fl-ilmenti riċevuti. Il-Kontrollur ma tistax tirreferi għal każijiet individwali investigati mill-OLAF u trid tiżgura li jibqgħu kunfidenzjali anke wara li jingħalqu ([9]). Madankollu, dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn it-tipi ta' tħassib imqajma mill-persuni kkonċernati. Jiddeskrivi wkoll kif dan it-tħassib ġie indirizzat u jispjega kif jaħdem il-mekkaniżmu tal-ilmenti u x'riżultati nkisbu bl-implimentazzjoni tiegħu.

2. **Il-mekkaniżmu tal-ilmenti**

Minn meta bdiet il-ħidma tagħha f'Ottubru 2022, il-Kontrollur kellha l-opportunità li tindirizza għadd ta' mistoqsijiet legali notevoli, filwaqt li żviluppat gradwalment qafas kunċettwali solidu għall-valutazzjoni tal-ilmenti. Matul l-2025, l-ilmenti ġew ipproċessati fil-pront u eżaminati b'mod komprensiv u bir-reqqa.

Biex nifhmu aħjar kif jaħdem il-mekkaniżmu tal-ilmenti, huwa importanti li nżommu f'moħħna li dan il-mekkaniżmu jagħti lill-Kontrollur **aċċess speċjali u dirett** għall-fajl tal-każ tal-OLAF tal-investigazzjoni rilevanti. Dan huwa bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kontrollur għat-trattament tal-ilmenti (id-"Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni") ([10]) u l-arranġamenti ta' ħidma ffirmati riċentement bejn l-OLAF u l-Kontrollur (l-"Arranġamenti ta' Ħidma") ([11]). Din il-forma ta' aċċess għall-fajl tal-każ tal-OLAF huwa ta' importanza assoluta biex l-ilmentaturi jserrħu rashom li l-Kontrollur tista' tħares bir-reqqa lejn l-attivitajiet investigattivi tal-OLAF, anke f'każijiet fejn parti mill-informazzjoni rilevanti tista' tkun kunfidenzjali u ma tkunx tista tiġi ddivulgata lilhom. F'dan ir-rigward, ta' sikwit il-Kontrollur issib bilanċ delikat bejn il-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni tal-OLAF, minn naħa waħda, u n-natura kontradittorja tal-mekkaniżmu tal-ilmenti, min-naħa l-oħra.

Fl-2025, il-Kontrollur lestiet il-valutazzjoni ta' lment wieħed imressaq fl-2024. **Fl-2025 tressqu 19-il ilment ġdid** minn persuni fiżiċi u ġuridiċi. Matul is-sena ta' rapportar, il-Kontrollur lestiet il-valutazzjoni tagħha ta' 17 minnhom. Ilment wieħed ġie ddikjarat ammissibbli matul it-tielet trimestru tas-sena iżda kien jeħtieġ żmien itwal ta' pproċessar minħabba l-proċedura kontradittorja u talbiet għal estensjonijiet tal-iskadenzi proċedurali ppreżentati kemm mill-OLAF kif ukoll mill-ilmentatur. Ilment ieħor tressaq ftit qabel tmiem is-sena u ġie ddikjarat ammissibbli. Ittieħdet deċiżjoni dwar iż-żewġ ilmenti fl-ewwel nofs tal-2026.

3. **Ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti li tressqu fl-2025**

Il-biċċa l-kbira mid-19-il ilment li rċeviet il-Kontrollur fl-2025 tressqu minn persuni kkonċernati f'investigazzjonijiet *interni* tal-OLAF (12) ([12]), filwaqt li sitta kienu relatati ma' investigazzjonijiet *esterni* ([13]) u wieħed kien jikkonċerna każ ta' *koordinazzjoni* ([14]) (Illustrazzjoni 1). Il-biċċa l-kbira tal-ilmenti tressqu bl-Ingliż, iżda ntużaw ukoll lingwi oħra (l-Ispanjol,

([9]) L-Artikolu 9a(9) tar-Regolament dwar l-OLAF.

([10]) L-Artikolu 8(1) u (2) tad-Deċiżjoni tal-Kontrollur ta' garanziji proċedurali li tadotta dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għat-trattament tal-ilmenti, 2022/C 494/07, PUB/2022/1609 (OJ C 494, 28.12.2022, p. 17, disponibbli wkoll hawnhekk: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/controller-procedural-guarantees/about-controller/legal-framework_en?prefLang=mt.

([11]) Ara l-Kapitolu III tal-Working Arrangements between the European Anti-Fraud Office and the Controller of Procedural Guarantees tat-18 ta' Lulju 2025, disponibbli fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/ea81e700-4540-4ae6-b7ab-e56fb9a2d075_en?filename=SIGNED_WA_OLAF-Controller.pdf.

([12]) L-investigazzjonijiet interni huma investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF fi ħdan l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji Ewropej stabbiliti mit-Trattati tal-UE jew abbażi tagħhom. L-iskop ta' dawn l-investigazzjonijiet huwa l-ġlieda kontra l-frodi, l-approprjazzjoni indebita, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE. Għal dak l-għan, l-OLAF jinvestiga: (i) kwistjonijiet serji relatati mat-twettiq ta' dmirijiet professjonali li jikkostitwixxu negliġenza fl-obbligi ta' uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-UE li jistgħu jirriżultaw fi proċedimenti dixxiplinari jew, skont il-każ, fi proċedimenti kriminali; jew (ii) nuqqas ekwivalenti ta' twettiq ta' obbligi minn membri ta' istituzzjonijiet u ta' korpi, kapijiet ta' uffiċċji u aġenziji jew membri tal-persunal ta' istituzzjonijiet, ta' korpi, ta' uffiċċji jew ta' aġenziji mhux soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal (l-Artikoli 1(4) u 4 tar-Regolament dwar l-OLAF).


([13]) L-investigazzjonijiet esterni huma investigazzjonijiet li l-OLAF iwettaq skont l-Artikolu 3 tar-Regolament dwar l-OLAF. Il-mandat tal-OLAF ikopri n-nefqa kollha tal-UE (jiġifieri l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-politika agrikola, in-nefqa diretta u l-għajnuna esterna) u parti sostanzjali tad-dħul tal-UE (iżda mhux kollu, prinċipalment id-dazji doganali u d-dazji agrikoli).

([14]) Il-każijiet ta' koordinazzjoni huma dawk li jistgħu jkunu s-suġġett ta' investigazzjonijiet esterni tal-OLAF, iżda fejn ir-rwol tal-OLAF huwa minflok limitat biex jikkontribwixxi għal investigazzjonijiet li jkunu qed jitwettqu minn servizzi nazzjonali jew tal-UE oħrajn. Dan jagħmlu, fost affarijiet oħra, billi jiffaċilita l-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni u jiżgura sinerġija operazzjonali fost is-servizzi nazzjonali u tal-UE rilevanti. Il-bażi legali tista' tinstab fl-Artikolu 12b tar-Regolament dwar l-OLAF u fil-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, bħar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1) u r-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 15).

ir-Rumen u l-Iżvediż) (Illustrazzjoni 2). Tressqu 16-il ilment minn persuni fiżiċi u tlieta minn persuni ġuridiċi (Illustrazzjoni 3). Matul is-sena ta' rapportar, xi lmentaturi ppreżentaw aktar minn ilment wieħed: għalhekk, l-għadd totali ta' persuni li lmentaw fl-2025 kien ta' tmienja, li ħamsa minnhom kienu persuni fiżiċi u tlieta kienu entitajiet legali (Illustrazzjoni 3). Mill-ilmenti riċevuti, erbgħa tressqu b'rappreżentanza minn avukat.


Illustrazzjoni 1

Tipi ta' investigazzjonijiet tal-OLAF li sar ilment dwarhom fl-2025




Illustrazzjoni 2

Lingwi tal-ilmenti li tressqu fl-2025



Illustrazzjoni 3


Ilmentaturi u għadd ta' lmenti



Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-ilmentaturi invokaw ksur tal-garanziji proċedurali skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-OLAF u d-drittijiet fundamentali tagħhom skont il-Karta (Illustrazzjoni 4). Dawn l-ilmenti kienu jikkonċernaw il-ksur allegat ta' dawn: (i) il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għad-difiża (l-Artikolu 48 tal-Karta); (ii) id-dritt li wieħed jinstema' u l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-persuni kkonċernati li jikkummentaw dwar fatti li jikkonċernawhom (l-Artikolu 9(4) tar-Regolament dwar OLAF); (iii) id-dritt li persuna tiġi infurmata (l-Artikolu 9(3) tar-Regolament dwar l-OLAF); (iv) il-prinċipji ta' ġustizzja, oġġettività u imparzjalità fit-twettiq tal-investigazzjonijiet (l-Artikolu 9(1) tar-Regolament dwar l-OLAF); (v) id-dritt għal amministrazzjoni tajba (l-Artikolu 41 tal-Karta); (vi) id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7 tal-Karta); (vii) il-protezzjoni ta' data personali; u (viii) id-dritt li persuna tingħata għajnuna minn persuna tal-għażla tagħha (l-Artikolu 9(2) tar-Regolament dwar l-OLAF) (Illustrazzjoni 5). L-ilmentaturi lmentaw ukoll dwar ir-regoli applikabbli għall-investigazzjonijiet tal-OLAF ([15]), b'mod partikolari dwar: (i) it-twettiq ta' operazzjonijiet forensiċi diġitali; (ii) ir-regoli dwar l-identifikazzjoni u n-notifika tal-persuni kkonċernati; (iii) ir-rispett tal-privileġġ professjonali legali; (iv) l-ambitu tal-investigazzjonijiet tal-OLAF; (v) l-użu tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF; (vi) is-sorveljanza illegali; (vii) l-azzjonijiet tal-persunal tal-OLAF lil hinn mis-setgħat tiegħu; u (viii) il-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF (Illustrazzjoni 6).

Illustrazzjoni 4


Suġġett tal-ilmenti li tressqu fl-2025



([15]) Dawn jinkludu r-regoli stabbiliti fir-Regolament dwar l-OLAF u dawk li jinsabu f'diversi testi, inklużi r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2). Eżempji notevoli oħra jinkludu l-Istruzzjonijiet mill-OLAF lill-Persunal dwar Proċeduri Investigattivi ("il-GIPs") validi mill-1 ta' Jannar 2026, disponibbli fuq: https://anti-fraud.ec.europa.eu/document/download/e1994c22-7d58-4e61-8d34-0937a0be8f98_en; u l-Linji Gwida dwar Proċeduri Forensiċi Diġitali għall-Persunal tal-OLAF (id-"DFPs"), tal-15 ta' Frar 2026, disponibbli fuq: https://anti-fraud.ec.europa.eu/document/download/87e5deb1-8a64-42ca-8e08-234355dbe544_en.


Illustrazzjoni 5

Analiżi tal-allegazzjonijiet differenti rigward il-garanziji proċedurali li tqajmu fl-2025 (inklużi lmenti ammissibbli u inammissibbli)



Illustrazzjoni 6

Analiżi tal-allegazzjonijiet rigward ir-regoli applikabbli għall-investigazzjonijiet



4. **Aspetti proċedurali: Il-passi tat-trattament effettiv tal-ilmenti**

Il-Kontrollur tittratta l-ilmenti b'mod **ġust, indipendenti u imparzjali**. Il-proċedura, f'konformità mar-Regolament dwar l-OLAF u d-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kontrollur, tinvolvi l-istadji li ġejjin: (i) il-valutazzjoni tal-**ammissibbiltà** ta' lment; (ii) il-valutazzjoni tal-**argumenti sostantivi** mqajma mill-ilmentaturi. Meta l-Kontrollur issib ksur, skont il-kwistjonijiet involuti, hija tista' tistieden lill-OLAF biex isolvi l-ilment (proposta għal soluzzjoni) u, jekk ikun neċessarju, tagħti rakkomandazzjoni lill-OLAF; u (iii) fi kwalunkwe każ, il-Kontrollur toħroġ deċiżjoni tal-għeluq li tinforma lill-ilmentatur dwar is-sejbiet tagħha.

4.1 **Ammissibbiltà**


Fi żmien **10 ijiem tax-xogħol** mill-wasla ta' lment, il-Kontrollur trid tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tiegħu. Il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà huma stabbiliti fl-Artikolu 9b(1) u (2) tar-Regolament dwar l-OLAF, u fl-Artikolu 5 tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni. Sabiex ilment ikun ammissibbli, dan għandu jiġi jitressaq **fi żmien xahar minn meta l-ilmentatur isir konxju tal-fatti rilevanti** li jikkostitwixxu ksur allegat tal-garanziji proċedurali jew tar-regoli dwar l-investigazzjonijiet. F**i kwalunkwe każ, irid jitressaq mhux aktar tard minn xahar wara l-għeluq tal-investigazzjoni.**

Meta teżamina l-ammissibbiltà tal-ilmenti, il-Kontrollur issegwi approċċ li jara li jirrispetta kemm il-formulazzjoni kif ukoll l-għanijiet tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar l-OLAF. Fl-2025, il-Kontrollur ivvalutat l-ammissibbiltà tal-ilmenti kollha fit-terminu stipulat. Hija ddikjarat tliet ilmenti bħala ammissibbli, erbgħa bħala parzjalment ammissibbli u 12 bħala inammissibbli (Illustrazzjoni 7).

Ir-raġunijiet għall-inammissibbiltà kienu dawn li ġejjin: (i) f'għaxar każijiet l-ilmenti għamlu allegazzjonijiet li jaqgħu barra mill-mandat tal-Kontrollur; (ii) f'għaxar każijiet il-Kontrollur sabet li l-allegazzjonijiet kienu manifestament bla bażi, jew minħabba li ma kinux sostanzjati ([16]) jew minħabba li kienu infondati ([17]); (iii) f'għaxar każijiet l-ilmenti għamlu allegazzjonijiet ripetittivi (ara s-subtaqsima 4.1.4 tar-Rapport tal-Attività); (iv) f'disa' każijiet, l-ilmentaturi naqsu milli jirispettaw it-termini stabbiliti fl-Artikolu 9b(2); u (v) f'każ wieħed l-ilment ġie ppreżentat minn xi ħadd li ma kienx persuna kkonċernata (Illustrazzjoni 8).


Illustrazzjoni 7

Ammissibbiltà tal-ilmenti li waslu fl-2025



Illustrazzjoni 8

Raġunijiet għall-inammissibbiltà tal-ilmenti li waslu fl-2025 (inklużi lmenti parzjalment ammissibbli)



([16]) Ilmenti mhux sostanzjati fihom allegazzjonijiet li ma humiex appoġġati minn evidenza ċara jew li huma internament kontradittorji.
([17]) Ilmenti manifestament infondati jikkonsistu f'allegazzjonijiet foloz jew f'talbiet frivoli b'mod ċar.

4.1.1. *Il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' xahar għat-tressiq ta' lment*

Fl-2025 ukoll, l-ammissibbiltà tibqa' "gwardjan" importanti fil-mekkaniżmu tal-ilmenti tal-Kontrollur. Fil-każijiet kollha fejn l-ilmenti jew l-allegazzjonijiet instabu li kienu inammissibbli, il-Kontrollur spjegat fid-dettall il-bażi legali u r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha lill-ilmentatur. Kif indikat aktar 'il fuq, l-Artikolu 9b(2) tar-Regolament dwar l-OLAF jistabbilixxi perjodu ta' preskrizzjoni doppju għat-tressiq ta' lmenti lill-Kontrollur. Skont dik id-dispożizzjoni, l-ilmenti jridu jiġu ppreżentati jew: (i) fi żmien xahar minn meta l-ilmentatur isir konxju mill-fatti li jikkostitwixxu l-ksur allegat; jew (ii) fi żmien xahar mill-għeluq tal-investigazzjoni, jekk l-investigazzjoni tkun ingħalqet. Għall-investigazzjonijiet magħluqa, ir-Regolament dwar l-OLAF jistabbilixxi kundizzjoni ta' ammissibbiltà addizzjonali u aktar stretta: **l-ilment irid jitressaq mhux aktar minn xahar wara l-għeluq tal-investigazzjoni, irrispettivament mill-mument li l-ilmentatur isir konxju mill-fatti rilevanti** (l-Artikolu 9b(2) tar-Regolament dwar l-OLAF).

Il-Kontrollur tirrikonoxxi li din il-kundizzjoni bla dubju restrittiva applikabbli għal investigazzjonijiet magħluqa hija mfassla biex tippreserva l-effettività kemm ta' kwalunkwe proċedura ta' segwitu fil-livell nazzjonali jew tal-UE kif ukoll tal-proposti tagħha stess għal soluzzjonijiet u għal rakkomandazzjonijiet fil-każ speċifiku. Tabilħaqq, il-kontribut tal-Kontrollur ftit li xejn ikun ta' użu f'każijiet magħluqa, fejn jista' jkun hemm proċeduri ta' segwitu għaddejjin quddiem l-awtoritajiet nazzjonali jew tal-UE rilevanti. F'każijiet rari bħal dawn, il-Kontrollur tqis li l-uniku mod kif il-persuni kkonċernati jistgħu jressqu l-ilmenti tagħhom quddiem dawk l-awtoritajiet huwa billi jużaw ir-rimedji ġudizzjarji jew amministrattivi disponibbli.

Minkejja l-ġustifikazzjoni funzjonali tiegħu, f'ċerti każijiet il-perjodu ta' preskrizzjoni assolut ta' xahar applikabbli għal investigazzjonijiet magħluqa jista' jwassal għal theassib dwar iċ-ċertezza legali u l-ġustizzja ([18]). Dan huwa partikolarment problematiku minħabba li bħalissa r-Regolament dwar l-OLAF ma jirrikjedix li l-OLAF jinforma lill-persuni kkonċernati bid-data eżatta li fiha tingħalaq investigazzjoni li tinvolvi sejbiet kontrihom. B'riżultat ta' dan, il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' xahar jista' jibda jiddekorri mingħajr ma tkun taf il-persuna kkonċernata, li fil-prattika jista' jċaħħadha minn aċċess effettiv għall-mekkaniżmu tal-ilmenti.

F'wieħed mill-ilmenti mressqa fl-2025, il-Kontrollur kienet tinsab eżattament f'din is-sitwazzjoni u kellha ssib bilanċ bejn l-applikazzjoni stretta tar-rekwiżiti ta' ammissibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 9b(2) tar-Regolament dwar l-OLAF (li kien jirriżulta li l-ilment jiġi ddikjarat inammissibbli peress li kien preskritt) u l-prinċipji ġenerali ta' ġustizzja u amministrazzjoni tajba minquxa fl-Artikolu 41 tal-Karta.

F'dak il-każ, l-OLAF kien informa lill-ilmentatur dwar il-possibbiltà li jressaq ilment mal-Kontrollur biss wara li jkun diġà għadda l-perjodu ta' xahar biex jagħmel dan. **Għalhekk, il-Kontrollur ikkunsidrat li, minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-każ, l-applikazzjoni awtomatika tal-Artikolu 9b(2), l-aħħar inċiż, tar-Regolament dwar l-OLAF timmina l-prinċipji tal-ġustizzja u tal-amministrazzjoni tajba**, kif garantit mill-Artikolu 41 tal-Karta. Il-Kontrollur ikkonkludiet li, meta l-OLAF informa lill-ilmentatur dwar il-possibbiltà li jressaq ilment mal-Kontrollur, kellu l-intenzjoni li dik in-notifika sservi bħala l-bidu tal-perjodu ta' preskrizzjoni. Din kienet l-unika interpretazzjoni li ma kinitx tirrendi l-Artikolu 9b(2) tar-Regolament dwar l-OLAF ineffettiv, filwaqt li tiżgura li fil-prattika l-ilmentatur ma jiġix imċaħħad mill-aċċess għall-mekkaniżmu tal-ilmenti. Konsegwentement, l-ilment tqies li huwa ammissibbli.

Fid-dawl ta' dan, il-Kontrollur identifikat **it-terminu strett għall-preżentazzjoni tal-ilmenti,** speċjalment iżda mhux esklużivament fil-każ ta' investigazzjonijiet magħluqa, **bħala kwistjoni li jistħoqqilha kunsiderazzjoni bir-reqqa fil-kuntest tal-evalwazzjoni u tar-reviżjoni sussegwenti tar-Regolament dwar l-OLAF** ([19]).

([18]) Ara r-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2022 (ĠU C 248, 13.7.2023, p. 1), is-subtaqsima 3.3.1.; ir-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2023 (ĠU C, C/2024/5673, 23.9.2024), it-Taqsima 4.1; u r-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2024 (ĠU C, C/2025/4511, 7.8.2025), it-Taqsima 4.1.

([19]) Ara l-Opinion on the evaluation of the application and impact of Regulation No 883/2013 tal-Kontrollur, disponibbli fuq https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/3c7a4446-920f-4cdb-92a3-f465e766a30e_en?filename=Annex%20-%20CTR%20Opinion%20on%20evaluation.pdf, il-proposti 9 u 16.

4.1.2. *Ilmenti li jaqgħu barra mill-mandat tal-Kontrollur*

Ix-xogħol ta' kuljum tal-OLAF jinvolvi l-ipproċessar ta' ammonti kbar ta' data personali, inkluża data sensittiva. L-OLAF jista' jwettaq ukoll attivitajiet investigattivi, bħal operazzjonijiet forensiċi diġitali, li jistgħu jitqiesu bħala intrużivi minn perspettiva ta' protezzjoni tad-data personali. Għalhekk, ma huwiex sorprendenti li matul l-2025 għadd kbir ta' ilmentaturi għamlu allegazzjonijiet relatati mad-dritt tagħhom għall-protezzjoni ta' data personali tagħhom, kif iggarantit mill-Artikolu 8 tal-Karta u r-Regolament (UE) 2018/1725 (ir-"Regolament tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data") ([20]).

Kif indikat preċedentement il-Kontrollur ([21]), għalkemm il-mandat tagħha jinkludi l-verifika tal-konformità tal-OLAF mad-drittijiet fundamentali, l-**UE għandha awtorità superviżorja indipendenti – il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data** ("KEPD") – li għandu għadd ta' responsabbiltajiet li jikkonċernaw id-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data. L-Artikolu 52 tar-Regolament tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data jipprevedi li l-KEPD huwa responsabbli għall-monitoraġġ u għall-iżgurar tal-applikazzjoni tar-Regolament u ta' kwalunkwe att ieħor tal-Unjoni relatat mal-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali minn istituzzjoni jew minn korp tal-UE. Peress li l-UE ħolqot **korp speċjalizzat biex jiggarantixxi d-dritt fundamentali għall-protezzjoni ta' data personali**, huwa f'idejn dan il-korp (il-KEPD) aktar milli l-Kontrollur li jittratta l-ilmenti dwar il-ksur allegat tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Skont dawn ir-regoli, kwalunkwe persuna tista' tressaq lment mal-KEPD fi żmien sentejn minn meta ssir taf bil-fatti li fuqhom ikun ibbażat l-ilment. Fl-interess tat-trasparenza, il-Kontrollur inkludiet dispożizzjoni korrispondenti fid-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni biex tirrifletti din id-diviżjoni tal-kompetenzi ([22]).

Filwaqt li l-Kontrollur mhux se tittratta allegazzjonijiet li jinvolvu purament l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data, hija se tikkunsidra aspetti relatati mal-privatezza u l-protezzjoni tad-data meta tivvaluta l-konformità ġenerali tal-OLAF mal-garanziji proċedurali.

4.1.3. *Każijiet pendenti fi proċedimenti legali*

Matul is-sena ta' rapportar, il-Kontrollur ittrattat ilment li qajjem fatti li kienu pendenti fi proċedimenti legali quddiem il-Qorti Ġenerali. L-Artikolu 6 tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni jirrikjedi li l-Kontrollur tagħlaq każ meta ssir konxja li l-**fatti li jkunu tressqu fl-ilment huma, jew kienu, is-suġġett ta' proċedimenti legali**. Għaldaqstant, bħal fl-2023 ([23]), il-Kontrollur temmet l-eżami tal-ilment fir-rigward tal-allegazzjonijiet li kienu pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali u ammettiet l-allegazzjonijiet li kien fadal.

Dan il-każ enfasizza diskrepanza leġiżlattiva fir-Regolament dwar l-OLAF, li ma fih l-ebda dispożizzjoni espliċita li tindirizza l-interazzjoni bejn il-mekkaniżmu tal-ilmenti u l-proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati nazzjonali jew tal-UE. Dan in-nuqqas joħloq inċertezza kemm għall-ilmentaturi kif ukoll għall-amministrazzjoni dwar kif l-ilmenti għandhom jiġu ttrattati meta l-kwistjonijiet sottostanti jkunu diġà soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji. Peress li l-mekkaniżmu tal-ilmenti huwa maħsub biex jikkomplementa l-azzjonijiet imressqa quddiem awtoritajiet ġudizzjarji bħall-Qorti Ġenerali jew il-QĠUE, minflok ma jimxi b'mod parallel magħhom, in-nuqqas ta' dispożizzjoni espliċita fir-Regolament dwar l-OLAF ifisser li l-istess kwistjoni tista' tiġi eżaminata fl-istess ħin mill-Kontrollur u minn awtorità ġudizzjarja. Din id-duplikazzjoni tista' tirriżulta f'valutazzjonijiet fattwali inkonsistenti.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kontrollur talbet lill-koleġiżlaturi tal-UE biex jemendaw l-Artikolu 9b tar-Regolament dwar l-OLAF biex jinkludi obbligu ċar għall-Kontrollur biex jagħlaq każ meta l-kwistjoni sottostanti tkun pendenti quddiem il-Qrati nazzjonali jew tal-UE ([24]).

([20]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, PE/31/2018/REV/1 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([21]) Ara r-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2022, is-subtaqsima 3.3.2.

([22]) L-Artikolu 5(3) tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni jipprevedi li "*l-Kontrollur għandu jiddikjara wkoll inammissibbli kwalunkwe lment li jaqajjem kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD), jiġifieri lmenti relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1725 u r-rispett tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali.*"

([23]) Ara r-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2023, *op. cit.*, it-Taqsima 4.3.

([24]) Ara l-Opinion on the evaluation of the application and impact of Regulation No 883/2013 tal-Kontrollur, *op. cit.*, il-proposta 19.

4.1.4. *Waqfien tal-korrispondenza dwar l-ilmenti ripetittivi*

Matul is-sena ta' rapportar, il-Kontrollur ma sabet l-ebda lment li kien fih lingwa abbużiva. Madankollu, hija kienet iffaċċjata b'sitwazzjonijiet li fihom l-ilmentaturi ripetutament ippreżentaw ilmenti li qajmu l-istess allegazzjonijiet, minkejja li l-kwistjonijiet kienu diġà ġew indirizzati permezz ta' deċiżjoni motivata li ddikjarat l-ilment bħala inammissibbli jew deċiżjoni finali dwar il-merti. Il-Kontrollur ittrattat ukoll każijiet li fihom l-ilmentaturi ppreżentaw għadd kbir ta' lmenti dwar kwistjonijiet ta' rilevanza marġinali jew tal-ebda rilevanza għall-investigazzjonijiet tal-OLAF. Tali xejriet ta' mġiba jirriskjaw li jiddevjaw il-mekkaniżmu tal-ilmenti mill-iskop primarju tiegħu, jiġifieri s-salvagwardja effettiva tad-drittijiet fundamentali u tal-garanziji proċedurali għall-persuni kkonċernati mill-investigazzjonijiet tal-OLAF. Tali prattiki jistgħu wkoll iqiegħdu piż amministrattiv sproporzjonat kemm fuq il-Kontrollur kif ukoll fuq is-Segretarjat, li jirrikjedi l-allokazzjoni ta' żmien u ta' riżorsi għal kwistjonijiet li ma jikkontribwixxux b'mod sostantiv għall-protezzjoni tad-drittijiet li l-mekkaniżmu huwa mfassal biex iħares. Għalhekk, l-iżgurar li l-proċedura tal-ilmenti tibqa' ffukata fuq ilmenti sostanzjati u rilevanti huwa essenzjali biex jiġu ppreservati l-effettività u l-kredibbiltà tagħha.

Il-Kontrollur tinnota li r-Regolament dwar l-OLAF ma fihx b'mod espliċitu dispożizzjoni li tippermettilha tiddikjara l-ilmenti bħala abbużivi u/jew ripetittivi. Sabiex tindirizza din id-diskrepanza, **il-Kontrollur** stabbiliet proċedura interna fl-Artikolu 5(4) tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni u **żviluppat prattika amministrattiva mmirata lejn il-mitigazzjoni tal-użu ħażin potenzjali tal-mekkaniżmu tal-ilmenti**. Din il-prattika tinvolvi r-reġistrazzjoni tal-ilment bħala lment ġdid u l-ħruġ ta' deċiżjoni formali ta' inammissibbiltà bl-ewwel twissija lill-ilmentatur, li tindika li kwalunkwe komunikazzjoni jew ilment ulterjuri dwar il-kwistjoni se jitqiesu ripetittivi u mhux se jibqgħu jiġu vvalutati. Fl-istess deċiżjoni, l-ilmentatur huwa infurmat ukoll li l-korrispondenza dwar il-kwistjoni se titwaqqaf, f'konformità mal-Kodiċi tal-Kummissjoni ta' Mġiba Amministrattiva Tajba ([25]). **Kwalunkwe preżentazzjoni jew ilment addizzjonali li l-ilmentatur jippersisti biex jagħmel dwar l-istess kwistjoni se jiġi ttrattat bħala abbużiv**.

Fl-2025, kien hemm **erba' każijiet** fejn l-ilmentaturi qajmu allegazzjonijiet dwar kwistjonijiet li kienu diġà ġew indirizzati mill-Kontrollur permezz ta' deċiżjoni motivata ta' inammissibbiltà jew deċiżjoni finali dwar il-merti. B'riżultat ta' dan, wara l-prattika amministrattiva deskritta hawn fuq, il-**Kontrollur ħadet id-deċiżjoni li twaqqaf il-komunikazzjonijiet dwar dawk il-kwistjonijiet**.

4.2 **Proċedura kontradittorja**

Wara li temmet il-valutazzjoni preliminari tagħha tal-ilmenti, il-Kontrollur stiednet lill-OLAF jipprovdi l-fehmiet tiegħu dwar is-seba' ilmenti li ġew iddikjarati ammissibbli jew parzjalment ammissibbli. Imbagħad, il-Kontrollur bagħtet it-tweġibiet tal-OLAF lill-ilmentaturi u stednithom jikkummentaw dwar il-fehmiet tal-OLAF.

Bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-Kontrollur tipprova tagħti l-akbar effett possibbli lill-**prinċipju ta' proċedimenti kontradittorji**. Għalhekk, iż-żewġ partijiet ingħataw l-opportunità li jippreżentaw il-każ tagħhom u d-dokumenti ta' sostenn. Fil-prinċipju, huma ġew infurmati wkoll dwar il-preżentazzjonijiet ta' xulxin u setgħu jikkummentaw dwarhom. Minkejja dan, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kontrollur iddeċidiet li tidderoga minn dan il-prinċipju u tippermetti t-trattament kunfidenzjali tal-informazzjoni ppreżentata mill-OLAF f'konformità mal-Artikolu 7(2) tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni. B'mod partikolari, il-Kontrollur applikat din il-klawżola biex tipproteġi l-kunfidenzjalità u l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet rilevanti meta t-tweġibiet tal-OLAF kienu jiżvelaw il-metodi ta' ħidma tiegħu, iżommuh milli jiġbor l-evidenza neċessarja jew saħansitra jipperikolaw l-istrateġija investigattiva ġenerali. F'dawn il-każijiet, il-Kontrollur qablet mal-OLAF li dan jipprovdi: (i) verżjoni mhux kunfidenzjali tat-tweġibiet tiegħu biex tintbagħat lill-ilmentatur, sabiex dan ikun jista' jifhem ir-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata l-imġiba tal-OLAF u b'hekk ikun f'pożizzjoni li jikkontesta t-tweġiba tal-OLAF u jipprovdi kontroargumenti; u (ii) verżjoni kunfidenzjali u aktar dettaljata biex jiġu spjegati aktar ir-raġunijiet imressqa mill-OLAF fil-verżjoni mhux kunfidenzjali. Din is-soluzzjoni bilanċjata ppermettiet lill-Kontrollur twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-każijiet rilevanti kollha filwaqt li tikkonforma mal-**obbligu tagħha li tiżgura l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF**. Din il-prattika issa ġiet formalizzata fl-Artikolu 10 tal-Arranġamenti ta' Ħidma ([26]).

Għalhekk, għalkemm l-ilmentaturi ma humiex intitolati li jirċievu kull biċċa informazzjoni, huma jistgħu jserrħu rashom li l-Kontrollur se twettaq eżami indipendenti u bir-reqqa tal-każ.

([25]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3083 tal-4 ta' Diċembru 2024 li tistabbilixxi l-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba għall-Membri tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku (ĠU L, 2024/3083, 5.12.2024).

([26]) Ara n-nota 10 f'qiegħ il-paġna.

4.3 **Stedina biex jiġi solvut l-ilment**

F'wieħed mill-każijiet ammissibbli deċiżi fl-2025, il-Kontrollur stieden lill-OLAF jieħu azzjoni biex isolvi l-ilment skont l-Artikolu 9b(3) tar-Regolament dwar l-OLAF. F'dak il-każ, l-ilmentatur kien qajjem tħassib dwar il-ġustizzja u l-imparzjalità tal-OLAF fit-twettiq tal-investigazzjoni, b'mod partikolari matul attività speċifika ta' ġbir ta' evidenza fl-uffiċċju tal-ilmentatur ([27]). Abbażi tal-eżami tal-fajl tal-każ, li għalih il-Kontrollur kellha aċċess speċjali ([28]), u l-preżentazzjonijiet tal-partijiet, il-Kontrollur sabet ksur ta' dawn id-drittijiet: (i) id-**dritt għall-ħajja privata u tal-familja** skont l-Artikolu 7 tal-Karta; u (ii) **id-dritt għal amministrazzjoni tajba** skont l-Artikolu 41 tal-Karta, b'rabta mad-dritt li l-ilmentatur jiġi ttrattat b'ġustizzja, dinjità u poliitess matul il-proċess investigattiv.

Għalhekk, il-Kontrollur ipproponiet li l-OLAF jieħu azzjoni speċifika biex isolvi l-ilment. B'mod partikolari, il-Kontrollur stiednet lill-OLAF, fost affarijiet oħra, biex jeskludi lill-membri tal-persunal tal-OLAF li kienu aġixxew bi ksur tad-drittijiet tal-ilmentatur minn kwalunkwe involviment ulterjuri fl-investigazzjoni tal-OLAF. Il-Kontrollur stiednet ukoll lill-OLAF jibgħat lill-ilmentatur ittra formali li tirrikonoxxi l-ksur li kienet identifikat matul l-investigazzjoni u li tagħti dettalji dwar il-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati dawk in-nuqqasijiet. Il-proposti kollha għal soluzzjoni ġew implimentati bis-sħiħ mill-OLAF, għas-sodisfazzjon tal-Kontrollur, li mbagħad għalqet il-każ mingħajr ma għamlet rakkomandazzjoni.

4.4 **Deċiżjonijiet tal-għeluq**

Sa tmiem l-2025, il-Kontrollur kienet ħadet **deċiżjoni tal-għeluq dwar total ta' sitt ilmenti**: Ilment wieħed mill-2024 u ħames ilmenti (ammissibbli u parzjalment ammissibbli) imressqa fl-2025 ([29]).

Il-Kontrollur ivvalutat diversi allegazzjonijiet u żviluppat ulterjorment il-qafas kunċettwali għall-valutazzjoni tal-ilmenti. Barra minn hekk, kważi 4 snin ta' attività juru l-importanza tal-valutazzjoni tal-Kontrollur: deċiżjoni tal-għeluq ma sservix biss biex **tistieden lill-OLAF jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet f'investigazzjoni** jekk jinstab ksur. **Issaħħaħ** ukoll **il-leġittimità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF u sservi bħala opportunità importanti ta' apprendiment għall-ilmentaturi** fejn il-Kontrollur ma ssib l-ebda ksur wara proċedura kontradittorja u valutazzjoni legali bir-reqqa.

Il-Kontrollur ma sabet l-ebda ksur tal-garanziji proċedurali u tad-drittijiet tal-ilmentaturi f'ħames ilmenti. Fl-ilment li kien fadal, il-Kontrollur għalqet il-każ wara tweġiba pożittiva mill-OLAF għall-istedina tagħha biex isolvi l-ilment f'konformità mal-Artikolu 9b(3) tar-Regolament dwar l-OLAF (jiġifieri proposta għal soluzzjoni). Għalkemm fil-ħames każijiet l-oħra ma nstab l-ebda ksur fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, il-Kontrollur identifikat prattiki li madankollu jistgħu jwasslu għal tħassib jekk jiġu rripetuti f'kuntesti oħra. F'każijiet bħal dawn, il-Kontrollur ġibdet l-attenzjoni tal-OLAF għal dawn l-aspetti permezz ta' *obiter dicta* (kummenti inċidentali) fid-deċiżjoni tal-għeluq.

F'dawn l-*obiter dicta*, il-Kontrollur stiednet lill-OLAF biex iqis il-kunsiderazzjonijiet rilevanti fit-twettiq tal-investigazzjonijiet futuri tiegħu u, fejn xieraq, biex jirrifletti dwar aġġustamenti possibbli għall-prattiki tiegħu. Dan l-approċċ jippermetti lill-Kontrollur mhux biss tivvaluta l-konformità f'każijiet individwali, iżda wkoll tikkontribwixxi għat-titjib kontinwu tal-prattiki investigattivi tal-OLAF, bl-għan li jiġi evitat ksur potenzjali tal-garanziji proċedurali għall-persuni kkonċernati f'sitwazzjonijiet simili fil-futur. Kif spjegat f'aktar dettall fit-Taqsima 8 ta' dan ir-Rapport tal-Attività, ir-raġunament legali żviluppat f'diversi deċiżjonijiet, inkluż *obiter dicta*, informa direttament emendi tal-Istruzzjonijiet mill-OLAF lill-Persunal dwar Proċeduri Investigattivi ("il-GIPs"), u b'hekk estenda l-impatt ta' każijiet individwali lil hinn mill-kuntest fattwali immedjat tagħhom.

Il-Kontrollur kellha wkoll l-opportunità li tiġbed l-attenzjoni tal-OLAF għall-importanza li tinżamm komunikazzjoni ċara mal-ilmentaturi u li tintuża b'mod konsistenti t-terminoloġija li tinsab fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali tar-Regolament dwar l-OLAF meta jikkomunika b'lingwi oħra minbarra l-Ingliż.

([27]) Għal aktar dettalji dwar is-sustanza tal-ilment, ara s-subtaqsima 5.1.2 u t-Taqsima 5.2 hawn taħt.

([28]) Ara n-nota 9 f'qiegħ il-paġna.

([29]) Il-Kontrollur iddikjarat seba' lmenti mressqa matul l-2025 bħala ammissibbli. Madankollu, hija ħarġet deċiżjonijiet tal-għeluq dwar il-merti għal ħamsa minnhom matul dik l-istess sena. Kif imsemmi hawn fuq fit-Taqsima 2, ittieħdet deċiżjoni dwar iż-żewġ ilmenti ammissibbli li kien fadal matul l-ewwel nofs tal-2026.

Barra minn hekk, kif spjegat aktar 'il quddiem, il-Kontrollur setgħet tikkontribwixxi biex tiċċara l-applikazzjoni tal-garanziji proċedurali u d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati meta toħroġ evidenza ġdida matul investigazzjoni tal-OLAF dwar imġiba kriminali potenzjali li taqa' fil-kompetenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-"UPPE"). B'mod partikolari, il-Kontrollur eżaminat l-interazzjoni bejn l-opportunità li tikkummenta skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament dwar l-OLAF u l-applikabbiltà tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 12c(7) tar-Regolament dwar l-OLAF f'sitwazzjonijiet fejn l-OLAF jirrapporta mġiba kriminali possibbli lill-UPPE.

5. **Aspetti sostantivi: Ħarsa ġenerali lejn is-sejbiet ewlenin tal-Kontrollur**

Fl-2025, il-Kontrollur ittrattat varjetà ta' argumenti mqajma mill-ilmentaturi dwar il-garanziji proċedurali u r-regoli applikabbli għall-investigazzjonijiet tal-OLAF. Bis-saħħa tal-aċċess speċjali tagħha għall-fajls tal-każijiet tal-investigazzjonijiet rilevanti, il-Kontrollur setgħet tivvaluta kull ilment abbażi tal-provi u tal-informazzjoni kollha disponibbli.

Il-Kontrollur tqis li l-qafas kunċettwali li qed jiġi stabbilit progressivament mad-deċiżjonijiet tal-għeluq tagħha jipprovdi gwida ċara għall-attivitajiet investigattivi tal-OLAF, kemm jekk fil-forma ta' proposti għal soluzzjonijiet kif ukoll fil-forma ta' *obiter dicta*.

F'konformità mal-prinċipju tal-kunfidenzjalità, il-Kontrollur ma tistax tiżvela s-sustanza tal-investigazzjonijiet tal-OLAF. Filwaqt li tirrispetta dak il-prinċipju, fit-taqsima ta' hawn taħt il-Kontrollur tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-aktar argumenti konvinċenti mqajma mill-ilmentaturi u l-mod kif indirizzathom.

5.1. **Dritt għad-difiża**

Bħal fl-2024, il-ksur tad-dritt għad-difiża f'investigazzjoni tal-OLAF kien l-aktar allegazzjoni frekwenti li l-Kontrollur kellha tivvaluta matul is-sena ta' rapportar. Il-varjetà ta' argumenti ta' sostenn imqajma ppermettiet lill-Kontrollur tivvaluta ħafna mill-isfumaturi ta' dan id-dritt proċedurali kruċjali.

5.1.1. *Id-dritt li persuna tkun infurmata*

F'każ wieħed, ilmentatur argumenta li l-OLAF kiser **l-Artikolu 9(3) tar-Regolament dwar l-OLAF** billi **naqas milli jipprovdih b'informazzjoni dwar l-istadju tal-investigazzjoni**. Fil-fehma tal-ilmentatur, il-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba jirrikjedu li kwalunkwe persuna kkonċernata minn investigazzjoni tal-OLAF tiġi pprovduta b'mill-inqas informazzjoni minima dwar il-progress tal-investigazzjoni.

Il-Kontrollur ħadet l-opportunità li tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament dwar l-OLAF u d-drittijiet li jagħti lill-persuni kkonċernati. Hija l-ewwel innotat li d-dispożizzjoni tirrikjedi li l-OLAF jinforma lil uffiċjal jew lil impjegat ta' istituzzjoni tal-UE li jista' jkun personalment implikat f'irregolarità sakemm dan ma jippreġudikax it-twettiq tal-investigazzjoni. F'dan is-sens, l-Artikolu 9(3) jiddikjara li "*hekk kif l-investigazzjoni tikxef li uffiċjal, aġent ieħor, membru ta' istituzzjoni jew korp, kap ta' uffiċċju jew aġenzija, jew membru tal-persunal jista' jkun persuna kkonċernata, dak l-uffiċjal, aġent ieħor, membru ta' istituzzjoni jew korp, kap ta' uffiċċju jew aġenzija, jew membru tal-persunal għandu jiġi infurmat dwar dan*". Bl-istess mod, l-Artikolu 28(1) tal-GIPs jirrikjedi li l-OLAF "*jinforma lill-membri, lill-uffiċjali jew lil aġenti oħra tal-istituzzjonijiet, tal-korpi, tal-uffiċċji u tal-aġenziji tal-UE malli jiġu identifikati bħala persuna kkonċernata*" ([30]).

([30]) L-investigazzjonijiet li kienu s-suġġett ta' lmenti ttrattati mill-kontrollur fl-2025 twettqu skont l-Istruzzjonijiet tal-2021 mill-OLAF lill-Persunal dwar Proċeduri Investigattivi (il-"GIPs tal-2021"), disponibbli fuq: https://anti-fraud.ec.europa.eu/document/download/3dc10699-df07-4782-ae0d-232cd698286c_en?filename=gip_2021_en.pdf. Il-GIPs ġew sussegwentement emendati u sostitwiti b'verżjoni ġdida, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026 (il-"GIPs tal-2026"), disponibbli fuq: https://anti-fraud.ec.europa.eu/document/download/e1994c22-7d58-4e61-8d34-0937a0be8f98_en?filename=gips-2026_en.pdf. Sabiex jiġi adottat approċċ li jħares 'il quddiem u jiġi ffaċilitat il-fehim tal-qarrej tal-qafas legali li bħalissa huwa applikabbli għall-investigazzjonijiet tal-OLAF u l-interpretazzjoni tiegħu mill-Kontrollur, ir-referenzi għall-GIPs tal-2021 li oriġinarjament kienu inklużi fid-deċiżjonijiet tal-Kontrollur ġew adattati f'dan ir-Rapport Annwali biex jirreferu minflok għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-GIPs tal-2026. F'dan il-każ, il-Kontrollur irreferiet għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GIPs tal-2021 fid-deċiżjoni, iżda d-dikjarazzjonijiet u l-konklużjonijiet imfassla mill-Kontrollur huma applikabbli bl-istess mod għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GIPs tal-2026. L-Artikolu 9(2) tal-GIPs tal-2021 ipprovda, b'formulazzjoni simili, li "*l-unità tal-investigazzjoni għandha tinforma lill-Membri, lill-uffiċjali jew lil aġenti oħra tal-istituzzjonijiet, tal-korpi, tal-uffiċċji u tal-aġenziji tal-UE mill-aktar fis possibbli dwar l-implikazzjoni possibbli tagħhom f'investigazzjoni miftuħa*".

Il-Kontrollur innotat ukoll li d-dritt ta' individwu li jiġi infurmat dwar l-istatus tiegħu bħala persuna kkonċernata huwa espliċitament rikonoxxut biss fil-kuntest ta' investigazzjonijiet interni. B'kuntrast ma' dan, ir-Regolament dwar l-OLAF ma jagħtix b'mod espliċitu d-dritt li persuna tiġi infurmata lill-persuni kkonċernati f'investigazzjonijiet esterni, u jiddefinixxi inqas biċ-ċar iż-żmien u l-mod preċiżi tan-notifika.

Il-Kontrollur indikat li f'LA International Cooperation Srl vs Il-Kummissjoni ([31]), il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-ġurisprudenza preċedenti tagħha f'Oikonomopoulos vs Il-Kummissjoni ([32]), fejn iddikjarat li l-obbligu li persuna kkonċernata tiġi infurmata fil-kuntest ta' investigazzjoni tal-OLAF, stabbilit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament dwar l-OLAF, **japplika wkoll għal investigazzjonijiet esterni**. Skont dik il-ġurisprudenza, meta jsir evidenti matul investigazzjoni esterna li individwu jew entità legali tista' tkun ikkonċernata minnha, dak l-individwu jew dik l-entità għandha tiġi informata bl-istatus tagħha bħala persuna kkonċernata, dment li dik in-notifika ma tippreġudikax it-twettiq tal-investigazzjoni jew kwalunkwe proċediment investigattiv li jaqa' fil-kompetenza ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali.

F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, il-Kontrollur argumentat li r-Regolament dwar l-OLAF għandu jirrikonoxxi b'mod espliċitu d-dritt tal-persuni kkonċernati f'**investigazzjonijiet esterni** li jiġu informati dwar l-istatus tagħhom bħala persuna kkonċernata *mill-aktar fis possibbli*. Għaldaqstant, fl-Opinjoni tagħha dwar l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni u l-impatt tar-Regolament dwar l-OLAF, il-Kontrollur ipproponiet li l-Artikolu 9(3) jiġi emendat f'konformità mal-ġurisprudenza eżistenti tal-Qrati tal-UE ([33]).

Madankollu, fil-każ partikolari analizzat mill-Kontrollur, l-ilmentatur ma ffukax fuq jekk kienx infurmat dwar l-istatus tiegħu bħala persuna kkonċernata. Għall-kuntrarju, id-dikjarazzjonijiet tal-ilmentatur kienu jikkonċernaw id-dritt allegat tiegħu li jiġi infurmat dwar il-progress tal-investigazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kontrollur indikat li **r-Regolament dwar l-OLAF ma jagħtix dritt li persuna tiġi infurmata dwar l-istadju preċiż jew il-progress ta' investigazzjoni li tkun għaddejja**, jew dwar l-attivitajiet investigattivi mwettqa mill-OLAF. B'riżultat ta' dan, il-Kontrollur sabet li d-dikjarazzjoni tal-ilmentatur ma kinitx issostanzjata.

5.1.2. *Id-dritt li persuna tingħata għajnuna minn persuna tal-għażla tagħha*

F'żewġ ilmenti, il-Kontrollur indirizzat il-kwistjoni tad-dritt tal-persuna kkonċernata li tingħata għajnuna minn persuna tal-għażla tagħha u d-dritt li tiġi evitata l-awtoinkriminazzjoni fil-kuntest tal-investigazzjonijiet interni. Fiż-żewġ każijiet, l-ilmentaturi ddikjaraw li l-OLAF kien naqas milli jipprovdilhom spjegazzjonijiet suffiċjenti tad-drittijiet għad-difiża tagħhom, u b'mod partikolari tad-dritt tagħhom li jingħataw għajnuna minn avukat u d-dritt tagħhom li jevitaw l-awtoinkriminazzjoni fil-bidu tal-ispezzjoni tal-bini fi ħdan istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija (IBOA). Fiż-żewġ każijiet, il-Kontrollur irrikonoxxiet li, **f'investigazzjonijiet interni, l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament dwar l-OLAF ma jagħmilx referenza espliċita għad-dritt tal-persuna kkonċernata li tingħata għajnuna minn avukat matul spezzjoni**. Lanqas ma jirreferi għad-dritt tal-persuna kkonċernata li tiġi infurmata meta titwettaq spezzjoni mill-OLAF uffiċċju tagħha. Fil-fatt, l-Artikolu 4(2)(a) jagħti lill-OLAF id-dritt ta' "*aċċess immedjat u mingħajr avviż għal kwalunkwe informazzjoni u data rilevanti, relatati mal-kwistjoni li tkun qed tiġi investigata* […] *miżmuma mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji, u għall-bini tagħhom*". L-Artikolu 47(1) tal-GIPs ([34]) jispeċifika wkoll li l-OLAF jista' jwettaq spezzjonijiet fil-bini "*fi kwalunkwe ħin matul investigazzjoni*".

Mill-qafas legali applikabbli jirriżulta li **l-preżenza tal-persuna kkonċernata, jew tal-avukat tagħha, ma hijiex prerekwiżit għal-legalità ta' spezzjoni tal-bini mwettqa mill-OLAF**. Jekk ikun neċessarju, l-OLAF jista' jwettaq spezzjoni anke fl-assenza tal-persuna kkonċernata, dment li jkun preżenti membru tal-persunal ieħor jew gwardja tas-sigurtà tal-IBOA tal-UE kkonċernati. Għalhekk, l-OLAF ma għandux obbligu ċar, skont ir-Regolament dwar l-OLAF, li jinforma lill-persuni kkonċernati fl-investigazzjonijiet interni dwar il-possibbiltà li jingħataw għajnuna minn avukat matul spezzjoni tal-uffiċċju tagħhom.

([31]) Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2022, *LA International Cooperation Srl* vs *Il-Kummissjoni*, T-609/20, ECLI:EU:T:2022:407, il-punti 22 u 23.

([32]) Ara s-sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, *Oikonomopoulos* vs *Il-Kummissjoni*, T-483/13, ECLI:EU:T:2016:421, il-punti 229 u 230.

([33]) Ara l-Opinion on the evaluation of the application and impact of Regulation 883/2013 tal-Kontrollur, *op. cit.*, il-proposta 3.

([34]) Kif spjegat fin-nota 29 f'qiegħ il-paġna, il-Kontrollur irreferiet għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GIPs tal-2021 fid-deċiżjoni, iżda d-dikjarazzjonijiet u l-konklużjonijiet imfassla mill-Kontrollur huma applikabbli bl-istess mod għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GIPs tal-2026. F'dan il-każ, il-Kontrollur tinnota li l-Artikolu 17(1) u (4) tal-GIPs tal-2021 jikkorrispondi, essenzjalment, għall-Artikolu 47 tal-GIPs tal-2026.

Fil-każijiet speċifiċi inkwistjoni, il-Kontrollur ikkonkludiet li l-OLAF ma kisirx id-drittijiet għad-difiża tal-ilmentaturi u aġixxa f'konformità mal-qafas legali applikabbli. Barra minn hekk, mill-fajl tal-każ u mill-preżentazzjonijiet tal-partijiet fiż-żewġ każijiet irriżulta li, fil-prattika, l-ilmentaturi setgħu u kienu effettivament jeżerċitaw id-drittijiet għad-difiża tagħhom.

Madankollu, il-Kontrollur kellha l-fehma li, filwaqt li r-Regolament dwar l-OLAF ma jipprevedix dritt formali għall-għajnuna legali fil-kuntest ta' spezzjoni mill-OLAF ta' bini fl-IBOAs, lanqas ma jipprojbixxi lill-persuni kkonċernati milli jingħataw għajnuna minn avukat. Fiż-żewġ każijiet, il-Kontrollur sostniet li **l-OLAF ma jistax jipprevjeni lil persuna kkonċernata milli tfittex jew tirċievi għajnuna legali, u għalhekk** l-individwu **jżomm il-possibbiltà li jikkonsulta avukat fi kwalunkwe ħin** matul dawn l-ispezzjonijiet. Madankollu, din il-possibbiltà ma għandhiex tkun ostaklu għat-twettiq ta' spezzjoni tal-OLAF ([35]).

Barra minn hekk, il-Kontrollur enfasizzat li, filwaqt li l-qafas legali applikabbli ma jippreskrivix il-mod speċifiku li bih l-OLAF irid jikkomunika dawn id-drittijiet, hija qieset li, **minħabba l-importanza fundamentali tagħhom, l-informazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali u l-garanziji proċedurali mogħtija lill-persuni kkonċernati għandha tiġi kkomunikata bil-miktub, bħala kwistjoni ta' prattika amministrattiva tajba**. Barra minn hekk, anke fin-nuqqas ta' rekwiżit formali fir-Regolament dwar l-OLAF, il-Kontrollur ħeġġet lill-OLAF jadotta l-prattika li **jinforma b'mod ċar lill-persuni kkonċernati matul l-ispezzjonijiet li huma jibqgħu liberi li jfittxu parir legali jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan** ([36]).

5.1.3. *Opportunità li persuna tikkummenta dwar il-fatti stabbiliti mill-OLAF*

Skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament dwar l-OLAF, ladarba titlesta l-investigazzjoni u qabel ma jitfasslu konklużjonijiet li jirreferu għal persuna kkonċernata b'isimha, l-OLAF għandu jagħti lil dik il-persuna l-opportunità li tikkummenta dwar il-fatti li jikkonċernawha. L-Artikolu 9(4) jispeċifika wkoll kif għandha tingħata din l-opportunità, jiġifieri, billi tingħata ġabra fil-qosor tal-fatti.

L-opportunità li persuna tikkummenta dwar il-ġabra fil-qosor tal-fatti tal-OLAF hija l-espressjoni tad-dritt li wieħed jinstema' fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tal-OLAF u garanzija proċedurali essenzjali għall-persuni kkonċernati. Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tal-UE, id-dritt li wieħed jinstema' jifforma parti mid-drittijiet għad-difiża, u r-rispett għal dawk id-drittijiet huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE ([37]). Il-Qrati tal-UE jispeċifikaw li d-dritt li wieħed jinstema' jagħti lill-persuna l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha b'mod effettiv waqt proċedura amministrattiva u qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni li tista' taffettwa ħażin l-interessi tagħha ([38]).

Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta ([39]) li l-objettiv primarju tad-dikjarazzjoni tal-fatti huwa li jiġi żgurat li l-persuna kkonċernata tkun konxja tal-fatti u tal-evidenza li l-OLAF ikun ġabar matul l-investigazzjoni. Dan jippermetti lill-individwu jifhem il-każ kontrih u jeżerċita d-dritt tiegħu li jiddefendi lilu nnifsu billi jipprovdi kummenti, spjegazzjonijiet jew informazzjoni addizzjonali. Billi jagħti lill-persuna l-opportunità li tikkummenta, l-OLAF jiżgura l-ġustizzja u jirrispetta l-prinċipju ta' proċess ġust. Dan jipprevjeni deċiżjonijiet ibbażati fuq informazzjoni mhux kompluta jew unilaterali, u joffri lill-persuna l-opportunità li tikkontesta kwalunkwe fatt potenzjalment mhux korrett jew mhux komplut ippreżentat mill-OLAF. Fl-aħħar nett, l-opportunità li l-persuna tikkummenta tista' tgħin ukoll biex tittejjeb il-kwalità ġenerali tal-investigazzjoni. Il-persuna kkonċernata tista' tipprovdi informazzjoni li l-OLAF seta' ma kkunsidrax li jista' potenzjalment ikollha impatt fuq l-eżitu tal-investigazzjoni. Il-Kontrollur tqis li l-abbozzar tad-dikjarazzjoni tal-fatti u l-għoti lill-individwi tal-opportunità li jikkummentaw dwar dawk il-fatti huma salvagwardja proċedurali ewlenija biex jiġu żgurati l-imparzjalità u l-ġustizzja fl-investigazzjoni. Għall-Kontrollur, huwa ta' importanza kbira li d-dikjarazzjoni tal-fatti pprovduta mill-OLAF lill-persuni kkonċernati tinkludi sejbiet ċari, oġġettivi u bbażati fuq il-fatti, mingħajr ma jitfasslu konklużjonijiet jew issir valutazzjoni legali ta' dawk il-fatti. Dan jiżgura l-ġustizzja tal-proċess, jipproteġi kontra kwalunkwe preġudizzju fil-fażi investigattiva u jirrispetta d-drittijiet tal-individwi involuti.

F'każ wieħed, l-ilmentatur argumenta li kienu nkisru l-Artikolu 9(4) tar-Regolament dwar l-OLAF u d-dritt tiegħu li jkollu investigazzjoni ġusta, imparzjali u oġġettiva. Fil-fehma tal-ilmentatur, **id-dikjarazzjoni tal-fatti li rċieva kienet tinkludi mhux biss il-fatti stabbiliti mill-OLAF matul l-investigazzjoni, iżda wkoll il-konklużjonijiet u l-interpretazzjonijiet suġġettivi tal-OLAF**, li kienu jirriflettu ġudizzju suġġettiv u ħolqu ambigwità fid-dokument.

([35]) Ara l-Opinion on the evaluation of the application and impact of Regulation 883/2013 tal-Kontrollur, *op. cit.*, il-proposta 4.
([36]) *Ibid.*, il-proposta 5.
([37]) Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2022, Sistem Ecologica vs Il-Kummissjoni, T-81/21, ECLI:EU:T:2022:641, il-punt 103; u s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2016, Marchiani vs Il-Parlament Ewropew, C-566/14, ECLI:EU:C:2016:437, il-punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata.
([38]) Ara s-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) vs De Loecker, C-187/19 P, ECLI EU:C:2020:444, il-punt 68.
([39]) Ara s-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, *Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)* vs *De Loecker*, C-187/19 P, il-punt 69; is-sentenza tat-3 ta' Lulju 2014, *Kamino International Logistics u Datema Hellmann Worldwide Logistics*, C-129/13 u C-130/13, il-punt 38; u s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, *Boudjlida*, C-249/13, il-punti 37 u 59.

F'termini ġenerali, il-Kontrollur fakkret lill-OLAF li għandu joqgħod attent biex, meta jabbozza d-dikjarazzjoni tal-fatti, jevita l-użu ta' kwalunkwe formulazzjoni li tista' tiġi perċepita mill-ilmentatur bħala valutazzjoni kwalitattiva jew tagħti l-impressjoni ta' din. Madankollu, fil-każ speċifiku, il-Kontrollur ikkunsidrat li l-formulazzjoni użata mill-OLAF fid-dikjarazzjoni tal-fatti indirizzata lill-ilmentatur ma kinitx tikser id-drittijiet tal-ilmentatur.

Il-Kontrollur sabet li l-ġabra fil-qosor tal-fatti kienet dettaljata biżżejjed biex l-ilmentatur jifhem in-natura u l-ambitu tal-każ kontrih u b'hekk jeżerċita b'mod sinifikanti d-dritt tiegħu li jinstema'. Barra minn hekk, fid-dikjarazzjoni tal-fatti, il-Kontrollur ma sabet l-ebda valutazzjoni jew dikjarazzjoni konklużiva li tista' titqies bħala ambigwa jew li tista' tiġi interpretata bħala valutazzjoni suġġettiva mill-OLAF li tista' tipperikola l-oġġettività, l-imparzjalità u l-ġustizzja tal-investigazzjoni. Il-Kontrollur ikkonfermat li t-termini użati mill-OLAF fid-dikjarazzjoni tal-fatti jirreferu għal elementi fattwali u kuntestwali konkreti. Barra minn hekk, fit-taqsimiet rilevanti kollha, l-OLAF ipprovda spjegazzjonijiet addizzjonali u kuntest fattwali li ppermettew lill-persuna kkonċernata tifhem bis-sħiħ il-fatti kif stabbiliti mill-OLAF.

F'każ ieħor, il-Kontrollur kellha l-opportunità li tivvaluta l-**interazzjoni bejn l-opportunità ta' kkummentar skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament dwar l-OLAF u l-applikabbiltà tal-Artikolu 12c(7) tar-Regolament dwar l-OLAF f'każijiet fejn l-OLAF jirrapporta lill-UPPE**.

F'dan il-każ, l-ilmentatur argumenta li l-OLAF kien kiser id-drittijiet tiegħu skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament dwar l-OLAF peress li ma taħx l-opportunità li jikkummenta dwar il-fatti stabbiliti qabel ma ddeċieda li jwaqqaf l-investigazzjoni tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 12c(5) u 12c(7) tar-Regolament dwar l-OLAF.

F'dan il-każ, il-Kontrollur indikat li, skont l-Artikolu 12c tar-Regolament dwar l-OLAF, l-OLAF huwa taħt obbligu strett li jirrapporta lill-UPPE kwalunkwe mġiba kriminali li tista' taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE li jaqgħu fil-kompetenza tal-UPPE kif definit fil-Kapitolu IV tar-Regolament dwar l-UPPE. Skont din id-dispożizzjoni, l-OLAF huwa obbligat li jippreżenta rapport tal-UPPE dwar il-Kriminalità ("ECR") lill-UPPE mingħajr dewmien żejjed, malli jsir konxju li l-imġiba inkwistjoni tista' tkun kriminali u taqa' fil-kompetenza tal-UPPE. Jekk l-UPPE jinforma lill-OLAF bil-ftuħ ta' investigazzjoni kriminali dwar l-istess fatti, l-OLAF iwaqqaf l-investigazzjoni tiegħu stess biex jevita d-duplikazzjoni u jinforma lill-UPPE kif xieraq. Skont l-Artikolu 12c(5), meta l-UPPE jiddeċiedi li jiftaħ investigazzjoni, l-OLAF ma jistax ikompli bl-investigazzjonijiet tiegħu stess tal-istess fatti ([40]).

F'din is-sitwazzjoni, il-Kontrollur iddikjarat li l-Artikolu 12c(7) tar-Regolament dwar l-OLAF jipprevedi b'mod espliċitu eċċezzjoni għad-dritt li persuna tikkummenta skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament dwar l-OLAF f'każijiet fejn l-OLAF iwaqqaf investigazzjoni wara li jintbagħat ECR lill-UPPE.

Fil-każ inkwistjoni, il-Kontrollur ikkonfermat li l-OLAF ma kienx ikkonkluda l-investigazzjoni tiegħu stess abbażi ta' sejbiet investigattivi skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-OLAF, iżda minflok kien waqqaf l-investigazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 12c(5) tar-Regolament dwar l-OLAF. Għalhekk, f'konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-interazzjoni tar-Regolament dwar l-OLAF u r-Regolament dwar l-UPPE ([41]), l-OLAF: (i) issospenda l-investigazzjoni tiegħu stess; (ii) bagħat rapport dwar il-kriminalità lill-UPPE u, wara li ġie infurmat li l-UPPE kien qed jiftaħ investigazzjoni kriminali dwar l-istess fatti; (iii) ma kompliex l-investigazzjoni tiegħu stess; u (iv) ittrasferixxa l-fajl tal-każ lill-UPPE. Il-Kontrollur ikkonfermat ukoll li, f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, l-OLAF ġie preklużmilli jfassal kwalunkwe konklużjoni sostantiva dwar l-ilmentatur u kien bagħat l-informazzjoni rilevanti fil-pussess tiegħu lill-UPPE għall-valutazzjoni.

([40]) L-Artikolu 12c(5) tar-Regolament dwar l-OLAF jipprevedi li, f'dawn iċ-ċirkostanzi, "*l-Uffiċċju m'għandux ikompli l-investigazzjoni tiegħu dwar l-istess fatti għajr f'konformità mal-Artikolu 12e jew l-Artikolu 12f*". Din il-kjarifika finali hija dovuta għall-fatt li, bħala parti mill-kooperazzjoni bejn l-OLAF u l-UPPE, il-qafas legali applikabbli jipprevedi l-possibbiltà li l-OLAF iwettaq kemm attivitajiet ta' appoġġ kif ukoll investigazzjonijiet komplementari filwaqt li tkun għaddejja investigazzjoni tal-UPPE. L-ewwel nett, l-OLAF jista' jappoġġa jew jikkomplementa l-attività tal-UPPE (b'mod partikolari billi: (i) jipprovdi informazzjoni, analiżi – inkluża analiżi forensika, għarfien espert u appoġġ operazzjonali; (ii) jiffaċilita l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali kompetenti u l-korpi tal-Unjoni; u (iii) iwettaq investigazzjonijiet amministrattivi), skont it-termini stabbiliti fl-Artikolu 12e tar-Regolament dwar l-OLAF. It-tieni, filwaqt li l-UPPE jwettaq l-investigazzjoni kriminali tiegħu, l-OLAF jista' jibda wkoll investigazzjoni komplementari, bl-għan li jiffaċilita l-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji jew ta' azzjoni finanzjarja, dixxiplinari jew amministrattiva, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12f tar-Regolament dwar l-OLAF.

([41]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

B'konsegwenza ta' dan, l-**investigazzjoni tal-OLAF qatt ma laħqet il-punt li fih kien jiġi skattat id-dritt tal-ilmentatur li jikkummenta dwar il-fatti li jikkonċernawh**, peress li dawk il-fatti rilevanti kienu għadhom ma ġewx stabbiliti. Għalhekk, il-Kontrollur ikkonkludiet li l-OLAF kien aġixxa f'konformità sħiħa mal-qafas legali applikabbli meta ma tax lill-ilmentatur l-opportunità li jikkummenta, skont l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 12c(7) tar-Regolament dwar l-OLAF.

Minkejja s-sejbiet tal-Kontrollur, hija assigurat lill-ilmentatur li d-drittijiet fundamentali tiegħu u l-garanziji proċedurali kienu se jkomplu jiġu rrispettati matul l-investigazzjoni tal-UPPE. L-ilmentatur ikollu l-opportunità li jippreżenta lill-UPPE kwalunkwe allegazzjoni jew dokumentazzjoni li seta' ppreżenta fl-istadju xieraq tal-investigazzjoni tal-OLAF. Barra minn hekk, id-drittijiet fundamentali u l-garanziji proċedurali tal-ilmentatur jingħataw standard għoli ta' protezzjoni meta jitqies li, b'kuntrast mal-investigazzjonijiet amministrattivi mwettqa mill-OLAF, l-UPPE jwettaq investigazzjonijiet kriminali li huma soġġetti għas-salvagwardji proċedurali stretti stabbiliti fil-Kapitolu VI tar-Regolament dwar l-UPPE.

5.1.4. *Aċċess għall-fajl u għad-dokumenti msemmija fid-dikjarazzjoni tal-fatti*

Matul l-2025, il-Kontrollur ittrattat ukoll ilment dwar il-ksur allegat tad-drittijiet fundamentali u tal-garanziji proċedurali skont l-**Artikolu 9(1) tar-Regolament dwar l-OLAF**, inkluża **d-dritt għad-difiża u d-dritt li wieħed jinstema'**, b'rabta mar-rifjut tal-OLAF li jagħti **aċċess** lill-ilmentatur **għall-fajl tal-każ** tal-investigazzjoni li kienet għaddejja u għad-**dokumenti** kollha **msemmija fil-ġabra fil-qosor tal-fatti**.

Il-Kontrollur l-ewwel indikat li: (i) **l-aċċess għall-fajl tal-investigazzjonijiet tal-OLAF ma huwiex dritt inkluż fost il-garanziji proċedurali pprovduti mill-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-OLAF**; u (ii) ir-Regolament dwar l-OLAF ma jagħtix id-dritt lill-persuna kkonċernata li taċċessa l-evidenza kollha miġbura mill-OLAF, peress li dan jista' jipperikola l-attività tal-OLAF jew kwalunkwe azzjoni ta' segwitu possibbli mill-awtoritajiet kompetenti meta l-OLAF ikun ħareġ rakkomandazzjoni. Tabilħaqq, skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tal-UE ([42]), l-OLAF ma għandu l-ebda obbligu li jagħti lil persuna kkonċernata f'investigazzjoni aċċess għad-dokumenti li huma s-suġġett ta' tali investigazzjoni jew għal dawk imfassla mill-OLAF innifsu għal dak l-għan, peress li l-effettività u l-kunfidenzjalità tal-missjoni fdata lill-OLAF u l-indipendenza tal-OLAF jistgħu jiġu kompromessi. Kif iddikjaraw il-Qrati tal-UE, id-dritt għad-difiża ta' persuna kkonċernata f'investigazzjoni tal-OLAF huwa garantit b'mod suffiċjenti mill-informazzjoni li tirċievi u mill-fatt li tingħata l-opportunità li tikkummenta dwar il-ġabra fil-qosor tal-fatti mat-tlestija tal-investigazzjoni tal-OLAF u qabel ma jitfasslu l-konklużjonijiet li jirreferu għaliha b'isimha.

Mill-ġurisprudenza applikabbli tal-Qrati Ewropej jirriżulta li **persuna kkonċernata ma għandhiex dritt ta' aċċess għall-fajl tal-każ ta' investigazzjoni tal-OLAF li tkun għaddejja. Għalhekk, il-Kontrollur ikkonkludiet li r-rifjut mill-OLAF ta' tali aċċess ma jmurx kontra l-Artikolu 41 tal-Karta**.

L-ilmentatur argumenta wkoll li ma setax jeżerċita b'mod effettiv id-dritt tiegħu li jinstema' minħabba li ma kellux aċċess għad-dokumenti msemmija fil-ġabra fil-qosor tal-fatti. F'dan ir-rigward, il-Kontrollur sabet li kwalunkwe ksur allegat tad-dritt għad-difiża matul investigazzjoni tal-OLAF, li jinkludi d-dritt li wieħed jinstema', irid jiġi eżaminat fir-rigward tal-informazzjoni li l-ilmentatur irċieva u tal-fatt li ngħata l-opportunità li jiddikjara l-fehmiet tiegħu u li jinstema' ([43]). F'dan il-każ, il-Kontrollur ikkunsidrat li **l-OLAF kien ipprovda dikjarazzjoni tal-fatti li kienet suffiċjenti biex l-ilmentatur setta' jeżerċita d-dritt tiegħu li jinstema'**. Il-Kontrollur innotat ukoll li l-ilmentatur kien għamel użu mid-dritt tiegħu li jinstema' u ppreżenta osservazzjonijiet dettaljati lill-OLAF f'diversi okkażjonijiet. Għalhekk, il-Kontrollur ikkonkludiet li **l-ilmentatur seta' jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar il-fatti stabbiliti mill-OLAF, filwaqt li ddikjara l-fehma tiegħu, u ngħata dritt sinifikattiv li jinstema'**. Fl-aħħar nett, il-Kontrollur indikat li ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tagħti lill-persuna kkonċernata d-dritt li tieħu pożizzjoni dwar kull dikjarazzjoni ta' evidenza jew li tesprimi fehmiet dwar il-konklużjonijiet li jistgħu jittieħdu mill-OLAF ([44]).

([42]) Ara s-sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, *Oikonomopoulos vs Il-Kummissjoni Ewropea*, T-483/13, ECLI:EU:T:2016:421, il-punti 238 sa 240 u l-ġurisprudenza ċċitata.

([43]) *Ibid.*

([44]) Ara s-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, Dalli vs Il-Kummissjoni, T-399/17, ECLI:EU:T:2019:384, il-punti 143 sa 144.

5.2. **Proporzjonalità tal-ispezzjonijiet tal-bini u operazzjonijiet forensiċi diġitali**

L-ispezzjonijiet tal-bini u l-operazzjonijiet forensiċi diġitali huma attivitajiet investigattivi li jitqiesu "ta' natura intrużiva" u, għalhekk, huma soġġetti għal regoli speċifiċi ([45]). Matul l-2025, kien hemm żewġ każijiet li fihom l-ilmentaturi qajmu dubji dwar il-proporzjonalità ta' dawk l-attivitajiet investigattivi, speċjalment fir-rigward ta' apparati bi sjieda privata.

Qabel ma daħlet fil-merti taż-żewġ ilmenti, il-**Kontrollur l-ewwel indirizzat il-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-operazzjonijiet forensiċi diġitali tal-OLAF**.

Qafas applikabbli għall-operazzjonijiet forensiċi diġitali

Fil-kuntest tal-investigazzjonijiet interni, l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-OLAF jippermetti lill-OLAF iwettaq operazzjonijiet forensiċi diġitali fil-bini tal-istituzzjonijiet tal-UE. Għal dan l-għan, l-Artikoli 47(1) u 53(1) tal-GIPs jelenkaw kemm l-ispezzjonijiet tal-bini kif ukoll l-operazzjonijiet forensiċi diġitali bħala mezz li bih l-unitajiet ta' investigazzjoni jiġbru l-evidenza matul il-fażi ta' investigazzjoni.

L-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament dwar l-OLAF jiddikjara b'mod partikolari li l-OLAF irid ikollu aċċess immedjat u mhux imħabbar għal kwalunkwe "*informazzjoni u data rilevanti, relatati mal-kwistjoni li tkun qed tiġi investigata, irrispettivament mill-mezz li fuqu jkunu maħżuna, miżmuma mill-istituzzjonijiet,* […] *u għall-bini tagħhom*." L-Artikolu 47(3) tal-GIPs fih dispożizzjonijiet simili.

L-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament dwar l-OLAF jispeċifika li l-OLAF jista' jispezzjona **apparati li jkunu proprjetà privata** skont **tliet kundizzjonijiet kumulattivi**: (i) l-apparati jintużaw għal skopijiet ta' xogħol; (ii) il-kundizzjonijiet speċifiċi biex isir dan ikunu stabbiliti fid-deċiżjonijiet interni adottati mill-istituzzjonijiet ikkonċernati; u (iii) l-OLAF ikollu raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta li l-kontenut tagħhom jista' jkun rilevanti għall-investigazzjoni.

Il-Kontrollur indikat ukoll li, skont l-Artikolu 1(5) tal-Linji Gwida dwar proċeduri forensiċi diġitali għall-persunal tal-OLAF ("DFPs") ([46]), operazzjoni forensika diġitali hija "***spezzjoni, akkwist, u eżami*** *teknoloġiċi tal-midja diġitali u/jew tal-kontenut tagħha, imwettqa mill-Ispeċjalisti tal-Evidenza Diġitali (DES) tal-OLAF bl-użu ta' tagħmir u għodod tas-software forensiċi. L-objettiv huwa li tiġi lokalizzata, identifikata, tinġabar u/jew tiġi akkwistata u ppreservata d-data li tista' tkun rilevanti għal investigazzjoni, u li tista' tintuża bħala evidenza fi proċeduri amministrattivi, dixxiplinari u ġudizzjarji.*"

Matul proċedura forensika diġitali, l-OLAF iwettaq l-operazzjonijiet distinti li ġejjin: (i) **il-ġbir** forensiku diġitali, li huwa l-proċess tal-ġbir tal-apparati fiżiċi li fihom evidenza diġitali potenzjali ([47]); (ii) **l-akkwist** forensiku diġitali, li huwa l-akkwist (l-ikkopjar) ta' kwalunkwe data maħżuna fuq mezz diġitali permezz ta' proċess ta' immaġni forensiċi ([48]); (iii) **previżjoni** tad-data, li tikkonsisti fl-ewwel spezzjoni ta' mezz diġitali bl-użu ta' għodda forensika xierqa sabiex jiġi stabbilit jekk jistax ikun fih data potenzjalment rilevanti għall-investigazzjoni (dan jista' jsir qabel ([49]) jew wara ([50]) l-akkwist diġitali tad-data); u (iv) **eżami** forensiku diġitali, li huwa l-proċess tal-analiżi tad-data miġbura matul operazzjoni forensika diġitali ([51]).

([45]) Skont l-Artikolu 47(2) tal-GIPs, dawn l-attivitajiet jistgħu jitwettqu biss wara awtorizzazzjoni mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF. Meta l-unità investigattiva tippjana attività ta' investigazzjoni li teħtieġ awtorizzazzjoni mid-Direttur Ġenerali, hija tabbozza talba għal awtorizzazzjoni u tippreżentaha lil unità speċjalizzata tal-OLAF, it-"Tim tar-Rieżami" (ara l-Artikolu 36(2) tal-GIPs). It-Tim tar-Rieżami jivverifika l-legalità, in-neċessità u l-proporzjonalità tal-attività investigattiva proposta u jipprovdi opinjoni lid-Direttur Ġenerali, li abbażi tagħha d-Direttur Ġenerali jieħu deċiżjoni (ara l-Artikolu 36(4) tal-GIPs). Dawn is-salvagwardji proċedurali huma konsistenti mal-interpretazzjoni tal-Qrati tal-UE tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE, dak il-prinċipju jeħtieġ li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-UE jkunu xierqa biex jintlaħqu l-objettivi leġittimi segwiti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma jaqbżux il-limiti ta' dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-objettivi. Dwar dan, ara s-sentenza tas-16 ta' Frar 2022, *L-Ungerija vs Il-Parlament u l-Kunsill*, C–156/21, ECLI:EU:C:2022:97, il-punt 340 u l-ġurisprudenza ċċitata.

([46]) Ara l-Linji Gwida dwar Proċeduri Forensiċi Diġitali għall-Persunal tal-OLAF, disponibbli fuq: https://anti-fraud.ec.europa.eu/investigations/digital-forensics_en?prefLang=mt.

([47]) Ara l-Artikolu 1(7) tad-DFPs.

([48]) Ara l-Artikolu 1(8) tad-DFPs.

([49]) Ara l-Artikolu 4(4) tad-DFPs.

([50]) Ara l-Artikolu 5(4), (5) u (6)tad-DFPs.

([51]) Ara l-Artikolu 8 tad-DFPs.

Il-Kontrollur iddikjarat ukoll li l-GIPs jispeċifikaw ukoll li l-operazzjonijiet forensiċi għandhom jitwettqu f'konformità mal-**prinċipju tan-neċessità u tal-proporzjonalità u mal-enfasi fuq l-apparati li għandhom indikazzjoni ċara ta' użu kummerċjali** ([52]). L-operazzjonijiet forensiċi diġitali jistgħu jinkludu wkoll l-aċċess għal apparati li jkunu proprjetà privata użati għal skopijiet ta' xogħol. Fl-aħħar nett, l-eżami u l-analiżi forensiċi diġitali tad-data miġbura matul l-operazzjoni forensika diġitali jridu jkunu **limitati għall-estrazzjoni tad-data neċessarja u rilevanti għall-investigazzjoni kkonċernata**.

Applikazzjoni fil-każijiet speċifiċi

Fir-rigward taċ-ċirkostanzi speċifiċi taż-żewġ ilmenti li għamlu dawn l-allegazzjonijiet, fiż-żewġ każijiet il-Kontrollur innotat li l-**apparati diġitali li kienu ġew ipprovdut lill-ilmentaturi minn IBOA kien il-proprjetà tal-IBOA**, mogħtija lill-ilmentatur l-ewwel u qabel kollox għal skopijiet ta' xogħol. Dawn kienu proprjetà tal-IBOA, li kienet dik li "żammet" l-apparati u d-data li kienet tinsab fihom għall-finijiet tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament dwar l-OLAF. Konsegwentement, irrispettivament mill-użu speċifiku li l-ilmentatur għamel minnhom, il-ġbir u l-akkwist tagħhom kienu ġġustifikati bis-sħiħ skont id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq. Fiż-żewġ każijiet, **il-Kontrollur tista' tikkonferma permezz tal-aċċess speċjali tagħha għall-fajl tal-każ li l-apparati li kienu proprjetà privata kienu ntużaw għal skopijiet ta' xogħol.** F'dan ir-rigward, il-Kontrollur innotat li **ladarba jiġi identifikat użu professjonali, il-firxa ta' dak l-użu (limitat jew sostanzjali) jew ir-raġuni għalih (fuq inizjattiva proprja jew fuq talba) hija irrilevanti**. Għaldaqstant, fiż-żewġ każijiet, il-fehma tal-Kontrollur kienet li d-deċiżjoni tal-OLAF li jiġbor l-apparati u jakkwista d-data li tinsab fihom skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament dwar l-OLAF kienet legali.

Analiżi tal-proporzjonalità

Fir-rigward tal-proporzjonalità tal-attivitajiet investigattivi, il-Kontrollur indikat dan li ġej. Kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali, is-setgħa tal-investigaturi tal-OLAF li jaċċessaw (bl-istess kundizzjonijiet bħall-ispetturi amministrattivi nazzjonali u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali) l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għat-twettiq xieraq tal-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post **ma tistax tiġi interpretata li tħalli lill-persuna kkonċernata tiddetermina d-data rilevanti għall-finijiet ta' investigazzjoni tal-OLAF** ([53]).

Il-Kontrollur enfasizzat ukoll li **mhux id-data kollha akkwistata inizjalment matul spezzjoni u operazzjoni forensika diġitali tifforma parti mill-fajl tal-każ tal-OLAF**. F'konformità mal-Artikolu 8(4) tad-DFPs, **id-data rilevanti għall-investigazzjoni biss tiġi ttrasferita fil-fajl tal-każ**. F'termini prattiċi, l-immaġni forensika li jakkwista l-OLAF l-ewwel tiġi ttrasformata f'"fajl ta' ħidma forensika", li huwa kopja tad-data forensika diġitali akkwistata, iżda f'forma li tista' tiġi "indiċizzata" mill-OLAF. Ladarba d-data tiġi indiċizzata, l-OLAF jista' finalment jipproċedi bit-"tiftix u l-identifikazzjoni" tad-data rilevanti għall-investigazzjoni. Jekk, fi tmiem it-tiftix, xi fajl jiġi identifikat bħala "rilevanti" għall-investigazzjoni li tkun għaddejja, **dan imbagħad isir parti mill-fajl tal-każ tal-OLAF u jsir evidenza li l-OLAF jista' juża.**

F'wieħed mill-ilmenti, il-persuna kkonċernata saħansitra argumentat li kellha tiġi mistiedna tikkummenta dwar il-lista ta' kliem ewlieni mħejjija mill-investigaturi tal-OLAF biex ifittxu d-data akkwistata. Fir-rigward ta' din il-kwistjoni, il-Kontrollur kienet tal-fehma li d-diskussjoni tal-lista mal-persuna kkonċernata jew il-qbil dwarha ma' din il-persuna jimminaw l-indipendenza tal-investigaturi u jipperikolaw l-investigazzjoni. Il-Kontrollur issottolinjat li l-OLAF iwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu b'indipendenza sħiħa skont ir-Regolament dwar l-OLAF. Għalhekk, l-**għażla tal-kliem ewlieni hija esklużivament fi ħdan il-mandat tal-investigaturi, u tirrifletti l-istrateġija investigattiva tagħhom, li l-OLAF la jista' jaqsam ma' partijiet terzi u lanqas jiftiehem dwarha magħhom, b'mod partikolari mal-persuni kkonċernati**. Bl-istess mod, il-Kontrollur irrifjutat il-proposta tal-ilmentatur li tiskrutinizza l-lista ta' kliem ewlieni u l-ġustifikazzjoni korrispondenti għall-użu tagħhom. Hija affermat li huwa f'idejn l-OLAF li jiddeċiedi, f'kull każ, liema kliem ewlieni jista' jkun rilevanti għall-finijiet tal-investigazzjoni.

([52]) Kif spjegat fin-nota 29 f'qiegħ il-paġna, il-Kontrollur irreferiet għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GIPs tal-2021 fid-deċiżjoni, iżda d-dikjarazzjonijiet u l-konklużjonijiet maħruġa mill-Kontrollur dwar it-twettiq ta' operazzjonijiet forensiċi huma applikabbli bl-istess mod għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GIPs tal-2026.

([53]) Ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ġunju 2019, Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni, T-617/17, ECLI:EU:T:2019:446, il-punt 67 (mhux ippubblikata). Bil-Franċiż oriġinali: *"En outre, ainsi que le fait valoir la Commission à juste titre, l'article 7, paragraphe 1, du règlement nº 2185/96 ne saurait être interprété d'une manière telle qu'il autorise la personne ou l'entité contrôlée à déterminer elle-même les données pertinentes aux fins d'une enquête de l'OLAF"*.

Iż-żewġ ilmentaturi kellhom problema bit-tul ta' żmien li l-OLAF żamm l-apparati tagħhom li huma proprjetà privata. Fiż-żewġ każijiet, permezz tal-aċċess speċjali tagħha għall-fajl tal-każ, **il-Kontrollur ikkonfermat li l-OLAF żamm l-apparati għaż-żmien neċessarju biex ilesti l-akkwist tad-data**. Madankollu, il-Kontrollur indikat li l-mowbajls kienu qed isiru universali u ċentrali għall-ħajja ta' kuljum tan-nies u stiednet lill-OLAF biex jirrifletti dwar dak il-fatt. Aktar milli huma sempliċiment apparati ta' komunikazzjoni, l-ismartphones issa jservu bħala, pereżempju, gateways għas-sistemi bankarji u ta' pagament, għas-sistemi ta' sigurtà tad-djar, għar-riżorsi professjonali, għall-passes tat-trasport, għall-applikazzjonijiet għall-kura tas-saħħa, u anke għal-lokalizzazzjoni u s-sikurezza tat-tfal. Għalhekk, iċ-ċaħda tal-aċċess għal dawn l-apparati jista' jkollha impatt aktar profond fuq l-isfera personali ta' persuna kkonċernata milli kien ikollha xi snin ilu. Filwaqt li fil-każ partikolari l-akkwist tal-apparat tal-ilmentatur li jkun proprjetà privata tiegħu ma kienx sproporzjonat, il-Kontrollur ħeġġet lill-OLAF jibqa' jagħti attenzjoni għal din ir-realtà u dejjem jiżgura li l-mowbajls personali jinżammu biss għaż-żmien li jkun strettament neċessarju għall-finijiet tal-investigazzjoni.

Fiż-żewġ każijiet, il-Kontrollur ikkunsidrat li l-attivitajiet investigattivi tal-OLAF u l-operazzjonijiet forensiċi diġitali: (i) twettqu skont il-liġi; (ii) segwew l-għan leġittimu ta' investigazzjoni tal-allegazzjonijiet ta' mġiba ħażina possibbli mill-ilmentaturi; u (iii) kienu allinjati mal-ambitu u mal-iskop tal-investigazzjoni fis-sens li kienu neċessarji biex jiġu pprovati jew miċħuda l-allegazzjonijiet. Għalhekk, il-Kontrollur sabet li l-OLAF aġixxa f'konformità mal-qafas legali applikabbli u mal-proċedura deskritta fid-DFPs, u fl-ambitu tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kontrollur **ma sabet l-ebda ksur tal-prinċipju tan-neċessità u tal-proporzjonalità** fl-operazzjonijiet forensiċi diġitali mwettqa mill-OLAF.

5.3. **Lingwi użati**

F'każ wieħed, il-Kontrollur intalbet tivvaluta jekk persuna kkonċernata f'investigazzjoni interna, li kienet membru tal-persunal tal-UE ([54]), kellhiex id-dritt li titlob li l-informazzjoni jew il-komunikazzjonijiet mibgħuta mill-OLAF f'waħda mil-lingwi ta' ħidma tiegħu (l-Ingliż) jingħataw ukoll bil-lingwa materna tagħha.

Kif iddikjarat qabel mill-Kontrollur ([55]), l-obbligu tal-istituzzjonijiet tal-UE skont l-Artikolu 41(4) tal-Karta li jikkorrispondu maċ-ċittadini fil-lingwa magħżula tagħhom japplika biss għar-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini tal-UE, u mhux għall-persunal tal-UE. L-ilmentatur, peress li huwa uffiċjal pubbliku tal-UE, kien mistenni li jkollu għarfien tajjeb tal-Ingliż. L-Ingliż kien ukoll waħda mil-lingwi ta' ħidma tal-ilmentatur.

Kif stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tal-UE ([56]), **id-dritt li tintgħażel lingwa li għandha tintuża ma huwiex dritt assolut għall-persunal tal-UE** peress li l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġ li joperaw mingħajr xkiel. B'riżultat ta' dan, il-Kontrollur sab li r-rifjut tal-OLAF li jipprovdi t-traduzzjonijiet mitluba ma kisirx id-drittijiet proċedurali tal-ilmentatur.

6. **Adozzjoni tal-Arranġamenti ta' Ħidma bejn il-Kontrollur u l-OLAF**

Stadju importanti ewlieni fil-kooperazzjoni bejn l-OLAF u l-Kontrollur kien l-iffirmar tal-Arranġamenti ta' Ħidma mis-Sur Ville Itälä, ex Direttur Ġenerali tal-OLAF, u Dr Julia Laffranque. L-arranġamenti **daħlu fis-seħħ fit-18 ta' Lulju 2025** u huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Kontrollur ([57]).

L-Arranġamenti ta' Ħidma jipprovdu aktar ċarezza fit-trattament tal-mekkaniżmu tal-ilmenti u wrew li huma strument utli biex tiġi żgurata kooperazzjoni saħansitra aktar armonjuża u aktar effettiva mal-OLAF. L-arranġamenti jifformalizzaw u jikkodifikaw il-prattiki stabbiliti sew li diġà ggwidaw il-kooperazzjoni kostruttiv bejn iż-żewġ Uffiċċji. F'dan ir-rigward, il-Kontrollur jilqa' d-djalogu kostruttiv mal-OLAF matul il-proċess ta' abbozzar, li ppermetta li t-test jirrifletti b'mod akkurat il-mandati, ir-rwoli u l-ħtiġijiet operazzjonali rispettivi taż-żewġ partijiet.

([54]) Il-persunal tal-UE jinkludi uffiċjali tal-UE u aġenti oħra impjegati b'kuntratt mill-UE (bħal persunal temporanju, persunal bil-kuntratt, persunal lokali, konsulenti speċjali jew assistenti parlamentari akkreditati).

([55]) Ara r-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2023, *op. cit.*, is-subtaqsima 4.4.5.

([56]) Ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2009, V vs Il-Kummissjoni, il-Kawża F-33/08, ECLI:EU:F:2009:141, il-punti 170-171.

([57]) Ara n-nota 10 f'qiegħ il-paġna.

B'rispett sħiħ tal-qafas legali applikabbli u tal-indipendenza kemm tal-OLAF kif ukoll tal-Kontrollur, l-Arranġamenti ta' Ħidma jispeċifikaw l-aspetti rilevanti fil-proċess tat-trattament tal-ilmenti. Dawn jinkludu: (i) il-proċedura li għandha tiġi segwita wara li jiġi riċevut ilment u l-ipproċessar inizjali tiegħu; (ii) l-azzjonijiet ta' ġbir tal-informazzjoni disponibbli għall-Kontrollur; (iii) id-distinzjoni bejn l-istediniet biex jiġi solvut ilment skont l-Artikolu 9b(3) u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kontrollur skont l-Artikolu 9b(5) tar-Regolament dwar l-OLAF; (iv) il-kalkolu tat-termini rilevanti; u (v) il-proċedura li għandha tiġi segwita meta jew l-OLAF jew il-Kontrollur isir konxju dwar il-bidu ta' proċedimenti legali jew ta' inkjesti mill-Ombudsman Ewropew jew mill-KEPD f'fatti mqajma fi lment.

Dispożizzjonijiet oħra tal-Arranġamenti ta' Ħidma jikkonċernaw l-aċċess għal informazzjoni relatata mal-każ fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF, OLAF Content Management ("OCM"), li għaliha l-Kontrollur għandu aċċess speċjali skont l-Artikolu 8(1) u (2) tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni. L-Arranġamenti ta' Ħidma jiċċaraw ukoll: (i) l-obbligi ta' informazzjoni tal-OLAF lejn il-Kontrollur fit-trattament tal-ilmenti; (ii) il-proċedura li għandha tiġi segwita meta l-Kontrollur u s-Segretarjat jingħataw aċċess elettroniku għal informazzjoni relatata mal-każ fl-OCM; u (iii) arranġamenti alternattivi għall-aċċess tal-Kontrollur għal informazzjoni relatata mal-każ.

Kif stabbilit aktar fir-Rapport tal-Attività, l-Arranġamenti ta' Ħidma fformalizzaw ukoll l-obbligu tal-Kontrollur li tiżgura l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF meta tittratta l-ilmenti. Barra minn hekk, l-Arranġamenti ta' Ħidma jindirizzaw sitwazzjonijiet li fihom ilmentatur jista' jitlob aċċess għall-fajl tal-każ tal-ilment, kif ukoll l-ipproċessar ta' talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti miżmuma mill-Kontrollur skont ir-Regolament (KE) 1049/2001 ([58]) u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament, annessi mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni ([59]).

7. **Konsultazzjoni dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament dwar l-OLAF**

L-Artikolu 9b(9) tar-Regolament dwar l-OLAF jipprevedi li d-Direttur Ġenerali tal-OLAF "jista' jitlob l-opinjoni tal-Kontrollur dwar kwalunkwe suġġett relatat mal-garanziji proċedurali jew mad-drittijiet fundamentali li jaqa' fil-mandat tal-Kontrollur".

Abbażi ta' dan, fil-15 ta' Settembru 2025, id-Direttur Ġenerali tal-OLAF talab formalment l-opinjoni tal-Kontrollur dwar id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-OLAF relatati mal-garanziji proċedurali u mad-drittijiet fundamentali li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kontrollur. Dan kien fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-applikazzjoni u tal-impatt tar-Regolament skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament dwar l-OLAF.

Il-Kontrollur laqgħet l-opportunità li tiġi kkonsultata dwar din il-kwistjoni importanti u bbażat fuq l-esperjenza sostanzjali tagħha akkumulata matul il-mandat tagħha ([60]). Fl-opinjoni tagħha, hija ressqet total ta' **31 proposta** għal titjib f'oqsma fejn il-prattika wriet li kienu ġġustifikati salvagwardji aktar ċari, aktar b'saħħithom jew aktar effettivi ([61]).

L-opinjoni kienet strutturata madwar sitt oqsma ewlenin: (i) id-drittijiet fundamentali u l-garanziji proċedurali (il-proposti 1-12); (ii) il-mekkaniżmu tal-ilmenti (il-proposti 13-19); (iii) il-funzjoni tal-Kontrollur (il-proposti 20-25); (iv) ir-relazzjonijiet bejn il-Kontrollur u d-Direttur Ġenerali tal-OLAF (il-proposta 26); (v) ir-relazzjonijiet bejn il-Kontrollur u l-Kumitat ta' Sorveljanza (il-proposti 27-30); u (vi) ir-relazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati oħra (il-proposta 31) (Illustrazzjoni 9).

([58]) Ara r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).


([59]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3080 tal-4 ta' Diċembru 2024 li tistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni u li temenda d-Deċiżjoni C(2000) 3614 (ĠU L, 2024/3080, 5.12.2024).

([60]) Sa tmiem l-2025, il-Kontrollur kienet ittrattat total ta' 73 ilment mill-bidu tal-mandat tagħha.

([61]) Ara l-Opinion on the evaluation of the application and impact of Regulation 883/2013 tal-Kontrollur, *op. cit.*

Illustrazzjoni 9

Għadd ta' proposti mressqa mill-Kontrollur fl-Opinjoni dwar l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni u l-impatt tar-Regolament dwar l-OLAF



Il-proposti dwar id-drittijiet fundamentali u l-garanziji proċedurali, li huma l-aktar numerużi, jindirizzaw: (i) in-nuqqas ta' referenza espliċita għall-Karta fl-Artikoli 9 u 9b(1) tar-Regolament dwar l-OLAF; (ii) il-ħtieġa ta' ċarezza dwar meta operatur individwali jew ekonomiku jakkwista l-istatus ta' persuna kkonċernata; (iii) l-ugwalizzazzjoni tad-drittijiet tal-persuni kkonċernati fl-investigazzjoni interna u esterna sa fejn ikun l-aktar possibbli; (iv) il-ħtieġa li tiġi pprovduta bil-miktub informazzjoni dwar il-garanziji proċedurali u d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati; (v) il-prinċipju ta' ġustizzja li jrid jiġi osservat mill-persunal tal-OLAF, f'konformità mal-oġħla standards professjonali; (vi) it-tisħiħ tad-dritt li wieħed jinstema'; (vii) it-tisħiħ tad-dritt li persuna tiġi infurmata; u (viii) in-nuqqas ta' ċarezza dwar l-istatus, id-drittijiet u l-garanziji proċedurali mogħtija lill-informaturi skont id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi ([62]), lill-informaturi skont l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal ([63]) u lil sorsi oħra ta' informazzjoni u lil vittmi ta' mġiba ħażina li taqa' fil-mandat investigattiv tal-OLAF ([64]).

L-oqsma potenzjali għat-titjib fil-mekkaniżmu tal-ilmenti identifikati fl-Opinjoni jikkonċernaw: (i) l-ambitu personali, materjali u temporali tar-rekwiżiti ta' ammissibbiltà; (ii) in-nuqqas ta' proċedura ta' rieżami għad-deċiżjonijiet ta' ammissibbiltà; (iii) il-kwistjoni ta' jekk l-ilmenti jistgħux jew għandux ikollhom effett sospensiv; (iv) it-trattament ta' lmenti li jqajmu kwistjonijiet pendenti quddiem il-qrati; u (v) il-konsegwenzi legali ta' deċiżjoni ipotetika mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF biex ma jsegwix rakkomandazzjoni maħruġa mill-Kontrollur skont l-Artikolu 9b(5) tar-Regolament dwar l-OLAF.

Kif spiss ikun il-każ meta jiġu introdotti riformi istituzzjonali sinifikanti, il-ħolqien tal-funzjoni tal-Kontrollur mir-Regolament 2020/2223 kien akkumpanjat minn ċerti ambigwitajiet kunċettwali li għadhom jippersistu sal-lum. Din hija r-raġuni għaliex l-Opinjoni tressaq proposti biex jiġu indirizzati l-ambigwitajiet dwar l-indipendenza tal-Kontrollur fir-rigward tal-Kumitat ta' Sorveljanza u tal-istatus amministrattiv tal-Kontrollur, kif ukoll dwar il-ħtieġa ta' kjarifika fir-Regolament dwar l-OLAF tar-rwol doppju tas-Segretarjat, li jipprovdi appoġġ legali u amministrattiv kemm lill-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF kif ukoll lill-Kontrollur.

Barra minn hekk, l-Opinjoni targumenta li l-inklużjoni ta' bażi legali fir-Regolament dwar l-OLAF biex il-Kontrollur joħroġ opinjonijiet fuq inizjattiva proprja indirizzati lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF iżżid il-valur u t-trasparenza għad-deċiżjonijiet tiegħu u *obiter dicta* u tikkontribwixxi b'mod ġenerali għall-eżerċizzju effettiv tal-mandat tal-Kontrollur.

([62]) Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

([63]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15).

([64]) Ara s-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, *Dalli* vs *Il-Kummissjoni*, T-399/17, ECLI:EU:T:2019:384, ikkonfermata bis-sentenza tal-25 ta' Frar 2021, *Dalli* vs *Il-Kummissjoni*, C-615/19P, ECLI:EU:C:2021:133.

Filwaqt li l-Kontrollur u l-Kumitat ta' Sorveljanza għandhom għanijiet komplementari u jsegwu objettivi komuni, dawn huma funzjonijiet u korpi distinti, u joperaw fuq bażi ugwali fl-ambitu tal-mandati rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, sabiex tissaħħaħ l-indipendenza tal-Kontrollur, l-Opinjoni tipproponi li r-Regolament dwar l-OLAF jiġi emendat sabiex, minflok ma tirrapporta jew tikkonsulta, hija *tinforma* lill-Kumitat ta' Sorveljanza dwar kwalunkwe kwistjoni sistemika rrapportata lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF permezz ta' opinjoni, kif ukoll dwar kwalunkwe rakkomandazzjoni indirizzata lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF jew kwalunkwe reviżjoni għad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-relazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati oħra, l-Opinjoni tipproponi li l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar l-OLAF jiġi emendat biex jipprevedi b'mod espliċitu l-parteċipazzjoni tal-Kontrollur fl-iskambju ta' fehmiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Fil-fehma tal-Kontrollur, din l-emenda tgħin biex titqajjem kuxjenza dwar it-tipi ta' allegazzjonijiet magħmula skont il-mekkaniżmu tal-ilmenti u tipprovdi viżibbiltà akbar ta' kif l-OLAF jittratta l-garanziji proċedurali u d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati.

L-opinjoni ntbagħtet lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF fis-27 ta' Frar 2026, u se tiġi annessa mal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni lill-koleġiżlaturi. **Il-Kontrollur għandha fiduċja li l-evalwazzjoni u r-reviżjoni possibbli tar-Regolament dwar l-OLAF se jibbenefikaw b'mod sinifikanti mill-implimentazzjoni tal-osservazzjonijiet ippreżentati fl-opinjoni tagħha**.

8. **Segwitu għall-adozzjoni tal-GIPs il-ġodda**

F'Novembru 2023, fil-kuntest tar-reviżjoni tal-GIPs, il-Kontrollur ġiet mistiedna tagħti l-opinjoni tagħha dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-garanziji proċedurali jew mad-drittijiet fundamentali li jaqgħu fil-mandat tagħha. Il-Kontrollur bagħtet l-opinjoni tagħha lill-OLAF f'Ġunju 2024. Il-verżjoni redatta tal-opinjoni tal-Kontrollur dwar il-GIPs ġiet ippubblikata fuq is-sit web tagħha f'Lulju 2025 ([65]).

Fl-opinjoni tagħha, il-Kontrollur għamlet ħames kummenti ewlenin dwar:

(i) Il-ħtieġa ta' ambitu ċar u definit sew tal-investigazzjonijiet tal-OLAF.

(ii) Ir-reġistrazzjoni f'waqtha fil-fajl tal-każ tal-istatus ta' persuna bħala persuna kkonċernata meta din tkun diġà msemmija fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ.

(iii) Il-ħtieġa li l-persuni kkonċernati jiġu infurmati dwar l-eżistenza tal-mekkaniżmu tal-ilmenti skont l-Artikolu 9b u dwar it-termini applikabbli għat-tressiq ta' lment.

(iv) Il-kjarifika li l-istedina biex jiġi solvut ilment skont l-Artikolu 9b(3) u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kontrollur skont l-Artikolu 9b(5) jikkostitwixxu żewġ passi distinti fil-mekkaniżmu tal-ilmenti.

(v) L-importanza, bħala kwistjoni ta' prattika amministrattiva tajba, li jiġi żgurat li l-kummenti ppreżentati mill-persuni kkonċernati jkunu riflessi kif xieraq fir-Rapport Finali. F'dan ir-rigward, il-Kontrollur irrakkomandat approċċ kumulattiv li jikkonsisti fil-passi li ġejjin: (a) il-kummenti tal-persuna kkonċernata dwar il-fatti li jikkonċernawha jiġu annessi mar-Rapport Finali; (b) meta ikun neċessarju, dawn il-kummenti jiġu deskritti fil-partijiet rilevanti korrispondenti tar-Rapport Finali; u (c) jiġi spjegat kif l-OLAF ikkunsidra dawn il-kummenti jew, fejn xieraq, għaliex tqiesu bħala infondati jew irrilevanti.

Il-verżjoni finali tal-GIPs riveduti ġiet adottata f'Novembru 2025 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026. B'mod ġenerali, **il-Kontrollur tilqa' l-adozzjoni tal-GIPs il-ġodda u tinnota b'sodisfazzjon li l-biċċa l-kbira tal-kummenti tagħha ġew ikkunsidrati mill-OLAF u riflessi fid-dispożizzjonijiet tal-GIPs, b'mod partikolari l-Artikoli 21(1), 37(2), 37(3), 66(2), 66(3) u 72(3)** (Illustrazzjoni 10).

Il-Kontrollur l-ewwel tilqa' l-inkorporazzjoni espliċita tal-ewwel kumment tagħha fl-Artikolu 21(1) tal-GIPs dwar l-ambitu tal-każ. L-emenda hija pożittiva, fis-sens li tispeċifika li l-ambitu tal-investigazzjoni "*dejjem għandu jkun definit b'mod ċar fid-deċiżjoni tal-ftuħ*".

([65]) Ara l-verżjoni redatta tal-Opinjoni tal-Kontrollur dwar l-abbozz tal-Istruzzjonijiet dwar Proċeduri Investigattivi (GIPs), disponibbli fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/4f655d63-4b02-40df-8b93-038c44f1bb2e_en?filename=Opinion%20of%20the%20Controller%20on%20draft%20GIPs_redacted%20final.pdf.

Il-Kontrollur tinnota b'mod pożittiv il-kjarifiki miżjuda fl-Artikolu 37(2) tal-GIPs, moqri flimkien mal-Artikolu 28(1), li jindirizzaw it-tħassib ewlieni dwar meta jiġi identifikat l-istatus tal-persuna kkonċernata. L-Artikolu 37(2) jipprovdi li l-individwu jew l-entità legali msemmija bħala persuna kkonċernata fid-deċiżjoni tal-ftuħ għandha tiġi rreġistrata fl-OCM fi żmien xahar mid-deċiżjoni tal-ftuħ. L-introduzzjoni ta' din l-iskadenza għandha l-għan li tevita d-dewmien fl-identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata li jista' jkollu impatt fuq id-dritt tagħha li tiġi infurmata skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament dwar l-OLAF. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-investigazzjonijiet interni, l-Artikolu 28(1) tal-GIPs jiżgura li persuna identifikata bħala persuna kkonċernata f'deċiżjoni tal-ftuħ tiġi infurmata wkoll kif xieraq (u tiġi nnotifikata wkoll bl-ambitu tal-investigazzjoni sa fejn din tkun relatata magħha), dment li din l-informazzjoni ma tippreġudikax it-twettiq tal-investigazzjoni.


Il-Kontrollur osservat ukoll li t-tielet kumment tagħha dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-persuni kkonċernati ([66]) ġiet implimentata fl-Artikolu 2(2) tal-Arranġamenti ta' Ħidma u fl-Artikolu 37(4) tal-GIPs. L-ewwel nett, l-Arranġamenti ta' Ħidma jistipulaw li meta l-OLAF jirċievi lment maħsub għall-Kontrollur, l-OLAF *"jinforma lill-ilmentatur dwar il-proċedura tal-mekkaniżmu tal-ilmenti u l-iskadenzi stretti ta' ammissibbiltà għat-tressiq ta' lment mal-Kontrollur"*. It-tieni, fost il-garanziji proċedurali mogħtija lill-persuni kkonċernati li jridu jiġu osservati mill-OLAF, l-Artikolu 37(4)(e) tal-GIPs jelenka *"id-dritt li jitressaq ilment mal-Kontrollur tal-garanziji proċedurali"*.

Il-Kontrollur tinnota b'sodisfazzjon ir-referenza ċara introdotta fil-GIPs għaż-żewġ bażijiet legali distinti għall-istediniet tal-Kontrollur biex jissolva lment u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kontrollur. L-Artikolu 66(2) tal-GIPs issa jirreferi għall-istedina tal-Kontrollur biex jissolva l-ilment skont l-Artikolu 9b(3) tar-Regolament dwar l-OLAF, filwaqt li l-Artikolu 66(3) jirreferi għar-rakkomandazzjoni tal-Kontrollur li jissolva lment skont l-Artikolu 9b(5) tar-Regolament dwar l-OLAF. Din is-separazzjoni tipprovdi aktar ċarezza għall-ilmentaturi biex jifhmu l-passi separati tal-mekkaniżmu tal-ilmenti.

Il-Kontrollur tilqa' wkoll l-inklużjoni fil-GIPs il-ġodda tal-kummenti tagħha dwar kif l-OLAF għandu jinkorpora l-kummenti tal-persuni kkonċernati fir-Rapport Finali. L-Artikolu 72(3) tal-GIPs il-ġodda jakkomoda l-essenza tar-rakkomandazzjoni tagħha, filwaqt li ma jsegwix b'mod strett l-approċċ kumulattiv issuġġerit. Il-GIPs issa jeħtieġu li l-kummenti tal-persuna kkonċernata jiġu deskritti u akkumpanjati mill-valutazzjoni tal-OLAF tagħhom u barra minn hekk jipprevedu li l-kummenti jiġu annessi mar-Rapport Finali. Filwaqt li l-GIPs jistabbilixxu eċċezzjonijiet għal dan l-annessar minħabba l-kunfidenzjalità, il-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali jew it-twettiq ta' investigazzjonijiet oħra, il-fehma tal-Kontrollur hija li dawk l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv, peress li huma intrinsikament marbuta mal-garanziji proċedurali għall-persuna kkonċernata. Barra minn hekk, il-Kontrollur tqis li, meta l-kummenti dwar l-elementi kruċjali tas-sejbiet preliminari ma jiġux ikkunsidrati fir-Rapport Finali, il-valutazzjoni tal-OLAF għandha tirrifletti r-raġunament għaliex dan ma sarx.

Illustrazzjoni 10

Implimentazzjoni tal-kummenti tal-Kontrollur mill-Opinjoni dwar l-abbozz tal-GIPs



([66]) Ara l-Verżjoni redatta tal-Opinjoni tal-Kontrollur dwar l-abbozz tal-Istruzzjonijiet dwar Proċeduri Investigattivi (GIPs), *op. cit.*, it-tielet kumment.

Barra minn hekk, il-Kontrollur tqis b'mod pożittiv l-**emendi introdotti fl-Artikoli 37(4), 37(5) u 80(1), li huma r-riżultat tal-mekkaniżmu tat-trattament tal-ilmenti**. Dawn il-modifiki jirriflettu s-sejbiet li saru matul l-ewwel sena tal-attivitajiet tagħha, kif ukoll *obiter dicta* minn diversi deċiżjonijiet tagħha, u huma allinjati ma' xi wħud mill-proposti mressqa fl-Opinjoni tagħha dwar l-applikazzjoni u l-impatt tar-Regolament dwar l-OLAF ([67]).

Matul l-ewwel sena tal-attivitajiet tagħha, il-Kontrollur sabet ksur tad-dritt ta' ilmentatur li jiġi infurmat dwar l-għeluq ta' investigazzjoni tal-OLAF mingħajr sejbiet kontrih. Skont l-Artikolu 11(7) tar-Regolament dwar l-OLAF, l-OLAF għandu obbligu ċar li jinforma lill-persuna kkonċernata, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni li jagħlaq investigazzjoni li fiha ma tkun instabet l-ebda evidenza kontrih. Mat-tlestija tal-investigazzjoni, l-OLAF ma sab l-ebda evidenza kontra l-ilmentatur. Madankollu, l-OLAF ma informax lill-ilmentatur b'mod inekwivoku. F'dan il-każ partikolari, il-Kontrollur ma ressqitx proposta għal soluzzjoni peress li l-ilmentatur kien kiseb aċċess għar-Rapport Finali waqt li l-ilment kien qed jiġi pproċessat, u b'hekk sar konxju li ma kienet instabet l-ebda evidenza kontrih. Madankollu, il-Kontrollur fakkret lill-OLAF li dan kien ksur serju u stiednet lill-OLAF biex joqgħod attent ħafna f'każijiet simili fil-futur ([68]). F'dan l-isfond, il-Kontrollur tilqa' l-introduzzjoni fl-Artikolu 37(5) tal-GIPs tad-diversi mezzi ta' komunikazzjoni disponibbli għall-unitajiet ta' investigazzjoni biex jiġi żgurat li l-persuni kkonċernati jiġu nnotifikati b'mod effettiv bil-ftuħ ta' investigazzjoni, bl-opportunità li jikkummentaw u bl-għeluq ta' investigazzjoni.

Barra minn hekk, il-Kontrollur tenfasizza li l-Artikolu 37(4) tal-GIPs jindika b'mod ċar il-garanziji proċedurali applikabbli għall-persuni kkonċernati li jridu jiġu osservati mill-persunal tal-OLAF meta jwettaq l-investigazzjonijiet, b'mod partikolari:

(i) id-dritt li jevitaw l-awtoinkriminazzjoni;

(ii) id-dritt li jingħataw għajnuna minn persuna tal-għażla tagħhom waqt l-intervisti, l-ispezzjonijiet u l-kontrolli fuq il-post;

(iii) in-notifika dwar il-ftuħ u l-għeluq ta' investigazzjoni;

(iv) id-dritt li jressqu lment quddiem il-Kontrollur.

L-ewwel żewġ drittijiet huma allinjati mad-deċiżjonijiet tal-Kontrollur imsemmija fit-Taqsima 5.1.1 ta' dan ir-Rapport tal-Attività. In-notifika tal-ftuħ u tal-għeluq ta' investigazzjoni hija relatata, rispettivament, mal-kummenti tal-Kontrollur dwar ir-reġistrazzjoni tal-persuna kkonċernata fl-OCM ([69]) u mat-tħassib imqajjem mill-Kontrollur dwar il-perjodu ta' preskrizzjoni assolut ta' xahar applikabbli għal investigazzjonijiet magħluqa skont l-Artikolu 9b(2) tar-Regolament dwar l-OLAF ([70]). Id-dritt li jitressaq ilment mal-Kontrollur, kif imsemmi aktar 'il fuq, huwa relatat mal-kumment magħmul mill-Kontrollur fl-opinjoni tagħha dwar l-abbozz tal-GIPs fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-persuni kkonċernati ([71]).

Fl-aħħar nett, il-Kontrollur tosserva li l-Artikolu 80(1) issa jipprevedi li "*l-persuna kkonċernata għandha tiġi infurmata bid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali li jagħlaq l-investigazzjoni, sakemm ma tkunx ta' detriment għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, jew jekk ikunu applikabbli r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità*". Id-dispożizzjoni tispeċifika wkoll li "*dan jinkludi l-indikazzjoni tad-data tal-għeluq tal-investigazzjoni*". F'dan ir-rigward, il-GIPs jikkodifikaw il-prattika amministrattiva tajba żviluppata mill-OLAF li tmur lil hinn mir-rekwiżit minimu stabbilit fl-Artikolu 11(7) tar-Regolament dwar l-OLAF, li jeħtieġ biss li l-persuna kkonċernata tiġi infurmata fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mill-għeluq ta' investigazzjoni jekk ma tkun instabet l-ebda evidenza kontriha. Din il-prattika amministrattiva tajba kienet ġiet imfaħħra mill-Kontrollur fil-passat u hija konformi mal-proposti magħmula mill-Kontrollur fil-qafas tal-evalwazzjoni tar-Regolament dwar l-OLAF ([72]).

([67]) Ara l-Opinion on the evaluation of the application and impact of Regulation 883/2013 tal-Kontrollur, *op. cit.*

([68]) Ara r-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-garanziji proċedurali għall-2022, *op. cit.*, is-soubtaqsima 3.5.2. Ara *wkoll* ir-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-garanziji proċedurali għall-2024, *op. cit.*, it-Taqsima 5.5.

([69]) Ara l-Verżjoni redatta tal-Opinjoni tal-Kontrollur dwar l-abbozz tal-Istruzzjonijiet dwar Proċeduri Investigattivi (GIPs), *op. cit.*, it-tieni kumment.

([70]) Ara l-Opinion on the evaluation of the application and impact of Regulation 883/2013 tal-Kontrollur, *op. cit.*, il-proposti 9 u 16. Ara *wkoll* ir-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2022, *op. cit.*, is-subtaqsima 3.3.1.; ir-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2023, *op. cit.*, it-Taqsima 4.1; u r-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2024, *op. cit.*, it-Taqsima 4.1.

([71]) Ara l-Verżjoni redatta tal-Opinjoni tal-Kontrollur dwar l-abbozz tal-Istruzzjonijiet dwar Proċeduri Investigattivi (GIPs), *op. cit.*, it-tielet kumment.

([72]) Ara l-Opinion on the evaluation of the application and impact of Regulation 883/2013 tal-Kontrollur, *op. cit.*, il-proposta 9.

9. **Relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kontrollur tqis li huwa importanti li jinżamm kuntatt regolari mal-istituzzjonijiet tal-UE, mad-Direttur-Ġenerali tal-OLAF u ma' partijiet ikkonċernati oħra biex tikseb feedback dwar ir-rwol tal-Kontrollur u, fl-aħħar mill-aħħar, biex tittejjeb il-protezzjoni tal-garanziji proċedurali u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati fl-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF.

Fil-11 ta' Settembru 2025, il-Kontrollur ippreżentat ir-Rapport tal-Attività għall-2024 lill-**Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Ġlieda Kontra l-Frodi** u kellha skambju ta' fehmiet mal-membri tiegħu dwar ir-rwol tagħha u dwar il-protezzjoni tal-garanziji proċedurali ta' dawk li jkunu qed jiġu investigati mill-OLAF. Fis-16 ta' Ottubru 2025, hija ppreżentat ukoll ir-Rapport Annwali tagħha għall-2024 lill-**Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew**.

Il-Kontrollur issoktat ukoll **skambji regolari u relazzjonijiet ta' ħidma produttivi mad-Direttur Ġenerali tal-OLAF**, abbażi tal-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni tajba. Eżempju ewlieni wieħed kien il-laqgħa li saret mill-Kontrollur fis-16 ta' Ottubru 2025, flimkien mal-membri tas-Segretarjat, mas-**Sa Salla Saastamoinen** (li kienet l-aġent Direttur Ġenerali tal-OLAF) u **mal-membri tal-persunal tal-Unità ta' Konsulenza Ġuridika u t-Tim ta' Rieżami tal-OLAF** biex jiddiskutu l-mekkaniżmu tal-ilmenti. Din il-laqgħa wriet li hija opportunità utli biex issir riflessjoni dwar l-esperjenza miksuba matul l-ewwel snin tal-attività tal-Kontrollur u dwar modi kif jittejbu s-salvagwardji għall-garanziji proċedurali u d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati fl-investigazzjonijiet tal-OLAF.

10. **Appoġġ amministrattiv u legali**

Bil-ħsieb tal-użu effiċjenti tar-riżorsi, ir-Regolament dwar l-OLAF inkariga lis-Segretarjat tal-Kumitat ta' Sorveljanza bil-kompitu li jipprovdi appoġġ legali u amministrattiv lill-Kontrollur.

Din l-għażla hija ġġustifikata wkoll mill-komplementarjetà tal-missjonijiet u mill-għanijiet komuni segwiti mill-Kontrollur u mill-Kumitat ta' Sorveljanza. Is-Segretarjat jiżgura kontinwità, komunikazzjoni kostanti u kooperazzjoni armonjuża kemm mal-ilmentaturi kif ukoll mal-OLAF.

Tim dedikat ta' persunal b'ħiliet għolja fis-Segretarjat, taħt id-direzzjoni tal-Kap tas-Segretarjat, ipprovda pariri u assistenza siewja lill-Kontrollur filwaqt li rrispetta s-segretezza u l-kunfidenzjalità professjonali.

Fl-Opinjoni tagħha dwar l-evalwazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-OLAF, il-Kontrollur sostniet li għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid ir-rabta amministrattiva kurrenti tas-Segretarjat mal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali, magħruf ukoll bħala l-Uffiċċju tal-Paymaster (il-"PMO") ([73]). Minħabba li l-istatus u l-funzjonijiet tas-Segretarjat ma humiex allinjati mal-missjoni ewlenija tal-PMO, il-Kontrollur tara l-ħtieġa li jiġi identifikat post organizzazzjonali aktar xieraq u funzjonalment konsistenti għas-Segretarjat li jallinja aħjar mal-mandat tiegħu filwaqt li jiggarantixxi wkoll l-indipendenza tiegħu. F'dan ir-rigward, hija tqis li jista' jinstab post aktar xieraq, pereżempju, fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni jew id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi.

Wara t-tluq tal-Kap tas-Segretarjat ("HoS") fi Frar 2025, l-aktar membru anzjan tas-Segretarjat assuma l-kariga ta' aġent HoS f'Marzu 2025. Ir-reklutaġġ ta' HoS ġdid ġie ffinalizzat fil-bidu tal-2026, u l-HoS il-ġdid inħatar fl-1 ta' April 2026.

Il-Kontrollur ġiet mistiedna tipparteċipa bħala osservatur fil-proċess tal-għażla għall-HoS il-ġdid bħala kwistjoni ta' korteżija istituzzjonali. Madankollu, il-Kontrollur tenfasizza li ma hemm l-ebda dispożizzjoni fir-Regolament dwar l-OLAF, simili għal dik għall-Kumitat ta' Sorveljanza ([74]), li tagħti dettalji dwar proċedura formali għall-konsultazzjoni tal-Kontrollur u li tiddeskrivi kif l-Opinjoni tal-kontrollur għandha titqies mill-awtorità tal-ħatra fl-għażla tal-persunal tas-Segretarjat.

Fid-dawl tar-rwol doppju tas-Segretarjat fl-appoġġ kemm tal-Kumitat ta' Sorveljanza kif ukoll tal-Kontrollur, hija l-fehma tal-Kontrollur li jkun ta' beneficċju għaż-żewġ entitajiet li jkunu involuti fil-proċess ta' reklutaġġ fuq bażi ugwali u li l-fehmiet tagħhom jitqiesu kif xieraq. Għaldaqstant, il-Kontrollur talbet lill-koleġiżlaturi jikkunsidraw din il-kwistjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni kurrenti u tar-reviżjoni futura possibbli tar-Regolament dwar l-OLAF ([75]).

([73]) Ara l-Opinion on the evaluation of the application and impact of Regulation No 883/2013 tal-Kontrollur, *op. cit.*, il-proposta 24.
([74]) Ara l-Artikolu 15(8) tar-Regolament dwar l-OLAF.
([75]) Ara l-Opinion on the evaluation of the application and impact of Regulation No 883/2013 tal-Kontrollur, *op. cit.*, il-proposta 22.

11. **Kif tikkuntattja lill-Kontrollur u tressaq ilment**

Tista' tikkuntattja lill-Kontrollur permezz ta' email jew bil-posta fuq l-indirizzi li ġejjin:

OLAF-FMB-Controller-Procedural-Guarantees@ec.europa.eu

Controller of Procedural Guarantees/Secretariat of the Supervisory Committee of OLAF
Rue Joseph II, 30
B-1049 Brussels, Belgium

Biex iressqu lment lill-Kontrollur, l-ilmentaturi huma ġentilment mitluba:

(i) jimlew il-formola;

(ii) jibagħtuha b'email jew bil-posta fuq l-indirizzi ta' hawn fuq.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web:

https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/controller-procedural-guarantees_en?prefLang=mt

ANNESS

Referenzi

Qafas ġuridiku

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2223 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-effettività tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 49).

L-istruzzjonijiet mill-OLAF lill-persunal dwar proċeduri investigattivi, il-11 ta' Ottubru 2021, Ref. Ares (2021)6071905 – 06/10/2021, disponibbli fuq: https://anti-fraud.ec.europa.eu/document/download/3dc10699-df07-4782-ae0d-232cd698286c_en?filename=gip_2021_en.pdf.

L-istruzzjonijiet mill-OLAF lill-persunal dwar proċeduri investigattivi, l-1 ta' Jannar 2026, Ref. Ares(2025)9710596 – 11/11/2025, disponibbli fuq: https://anti-fraud.ec.europa.eu/document/download/e1994c22-7d58-4e61-8d34-0937a0be8f98_en?filename=gips-2026_en.pdf.

Guidelines on digital forensic procedures for OLAF staff, il-15 ta' Frar 2016, disponibbli fuq: https://anti-fraud.ec.europa.eu/document/download/87e5deb1-8a64-42ca-8e08-234355dbe544_en.

Working Arrangements between the European Anti-Fraud Office and the Controller of Procedural Guarantees, it-18 ta' Lulju 2025, Ref. Ares(2025)6027144 – 24/07/2025, disponibbli fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/ea81e700-4540-4ae6-b7ab-e56fb9a2d075_en?filename=SIGNED_WA_OLAF-Controller.pdf

Id-Deċiżjoni tal-Kontrollur ta' garanziji proċedurali li tadotta dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għat-trattament tal-ilmenti 2022/C 494/07 (ĠU C 494, 28.12.2022, p. 17-23), disponibbli wkoll fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/controller-procedural-guarantees/about-controller/legal-framework_en?prefLang=mt.

Rapporti tal-attività annwali u opinjonijiet

Ir-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2022 (ĠU C 248, 13.7.2023, p. 1), disponibbli wkoll fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/fdcb45a3-1934-423d-8198-689d2a96bc1c_en?filename=Controller%20-%20Annual%20Report%202022%20.pdf.

Ir-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2023 (ĠU C, C/2024/5673, 23.9.2024), disponibbli wkoll fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/5add81b3-44e1-41a4-bdf1-806c1186b9dd_en?filename=Controller-Annual%20Report%202023%20.pdf.

Ir-Rapport tal-Attività tal-Kontrollur tal-Garanziji Proċedurali għall-2024 (ĠU C, C/2025/4511, 7.8.2025), disponibbli wkoll fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/8a8d23c3-9e4c-4f0f-8020-a555e317aa87_en?filename=COAR%202024.pdf.

L-Opinjoni tal-Kontrollur dwar l-abbozz tal-Istruzzjonijiet dwar Proċeduri Investigattivi (GIPs), disponibbli fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/4f655d63-4b02-40df-8b93-038c44f1bb2e_en?filename=Opinion%20of%20the%20Controller%20on%20draft%20GIPs_redacted%20final.pdf.

Opinion on the evaluation of the application and impact of Regulation No 883/2013 tal-Kontrollur, Ref. Ares(2026)2209882 – 27/02/2026, disponibbli fuq https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/3c7a4446-920f-4cdb-92a3-f465e766a30e_en?filename=Annex%20-%CTR 20%20Opinion%20on%20evaluation.pdf.